



30.6.2021

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għal infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (COM(2020) 0824 –C9-0417/2020 - 2020/0360(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Paolo Borchia

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"²¹, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir tal-Ewropa li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Mira għall-Klima²² li tipproponi li żżid il-livell ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għal tal-anqas 55 % sal-2030 - ambizzjoni li ġiet approvata mill-Kunsill tal-Ewropea fil-11 ta' Diċembru 2020 - u l-valutazzjoni tal-impatt sottostanti tagħha tikkonferma li t-taħlita tal-enerġija tal-futur se tkun differenti ħafna minn dik tal-lum u ssostni l-hteġa li tiġi rieżaminata u, jekk ikun meħtieġ, li tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni dwar l-enerġija. Jidher ċar li l-investimenti kurrenti fl-infrastruttura tal-enerġija mhumiex biżżejjed sabiex jittrasformaw u jibnu l-infrastruttura tal-enerġija tal-futur. Dak ifisser ukoll li l-infrastruttura jeħtieġ li tkun fis-seħħ sabiex tappoġġa t-tranżizzjoni enerġetika Ewropea, inklużi **elettrifikazzjoni** rapida, **espansjoni** fil-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli, l-użu akbar ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju,

Emenda

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"²¹, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir tal-Ewropa li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Mira għall-Klima²² li tipproponi li żżid il-livell ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għal tal-anqas 55 % sal-2030 - ambizzjoni li ġiet approvata mill-Kunsill tal-Ewropea fil-11 ta' Diċembru 2020 - u l-valutazzjoni tal-impatt sottostanti tagħha tikkonferma li t-taħlita tal-enerġija tal-futur se tkun differenti ħafna minn dik tal-lum u ssostni l-hteġa li tiġi rieżaminata u, jekk ikun meħtieġ, li tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni dwar l-enerġija. Jidher ċar li l-investimenti kurrenti fl-infrastruttura tal-enerġija mhumiex biżżejjed sabiex jittrasformaw u jibnu l-infrastruttura tal-enerġija tal-futur. Dak ifisser ukoll li l-infrastruttura jeħtieġ li tkun fis-seħħ sabiex **tevolvi u tadatta ruħha biex** tappoġġa t-tranżizzjoni enerġetika Ewropea, inklużi **l-elettrifikazzjoni** rapida, **l-użu tal-idroġenu u l-fjuwils sintetiċi, anke fis-settur tat-trasport, l-espansjoni** fil-ġenerazzjoni tal-

integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u użu akbar ta' soluzzjonijiet innovattivi.

elettriku rinnovabbli, l-użu akbar ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u użu akbar ta' soluzzjonijiet innovattivi.

²¹Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final tal-11 ta' Diċembru 2019.

²¹Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final tal-11 ta' Diċembru 2019.

²² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - It-tishiġ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030, Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna, COM(2020) 562 final tas-17 ta' Settembru 2020

²² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - It-tishiġ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030, Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna, COM(2020) 562 final tas-17 ta' Settembru 2020

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Wara l-proposti tal-Kummissjoni bħala parti mill-pakkett Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha, intlaħaq ftehim dwar mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli għall-2030 ta' mill-inqas 32 % tal-konsum finali tal-enerġija u mira ewlenija fil-livell tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġetika ta' mill-inqas 32,5 %.

Emenda

(2) Wara l-proposti tal-Kummissjoni bħala parti mill-pakkett Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha, intlaħaq ftehim dwar mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli għall-2030 ta' mill-inqas 32 % tal-konsum finali tal-enerġija u mira ewlenija fil-livell tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġetika ta' mill-inqas 32,5 %. ***Dawn il-miri għandhom jiġu adattati għall-mira l-ġdida tal-UE għat-tnaqqis fl-emissjonijiet għall-2030, kif stabbilit fil-Liġi dwar il-Klima.***

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³, ir-

Emenda

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³, ir-

Regolament TEN-E kurrenti, jistabbilixxi regoli għall-iżvilupp f'waqtu u għall-interoperabbiltà tan-networks trans-Ewropej tal-enerġija sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-enerġija tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista u s-swieq kompetittivi tal-enerġija fl-Unjoni, jiġu promossi l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija u l-iżvilupp ta' forum ġodda u rinnovabbli ta' enerġija, u tiġi promossa l-interkonnessjoni tan-networks tal-enerġija. Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jistabbilixxi qafas għall-Istati Membri u għall-partijiet ***konċernati*** rilevanti sabiex jaħdmu flimkien f'ambjent reġjonali bl-għan li jiżviluppaw networks tal-enerġija konnessi aħjar bl-għan li jgħaqqdu reġjuni li bħalissa huma iżolati mis-swieq tal-enerġija Ewropej, isaħħu l-interkonnessjonijiet transfruntiera eżistenti, u jgħinu fl-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Billi jsegwi dawk l-objettivi, ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u jgħib benefiċċji għall-Unjoni kollha f'termini ta' kompetittività u ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

²³ Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009, ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39–75

Regolament TEN-E kurrenti, jistabbilixxi regoli għall-iżvilupp f'waqtu u għall-interoperabbiltà tan-networks trans-Ewropej tal-enerġija sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-enerġija tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista u s-swieq kompetittivi tal-enerġija fl-Unjoni, jiġu promossi ***l-bidla modali***, l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija u l-iżvilupp ta' forum ġodda u rinnovabbli ta' enerġija, ***inkluż fis-settur tat-trasport***, u tiġi promossa l-interkonnessjoni tan-networks tal-enerġija. Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jistabbilixxi qafas għall-Istati Membri u għall-partijiet ***ikkonċernati*** rilevanti sabiex jaħdmu flimkien f'ambjent reġjonali bl-għan li jiżviluppaw networks tal-enerġija konnessi aħjar bl-għan li jgħaqqdu reġjuni li bħalissa huma iżolati mis-swieq tal-enerġija Ewropej, isaħħu l-interkonnessjonijiet transfruntiera eżistenti, u jgħinu fl-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Billi jsegwi dawk l-objettivi, ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u jgħib benefiċċji għall-Unjoni kollha f'termini ta' kompetittività u ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

²³ Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009, ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39–75

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

(4a) Il-Kunsill Ewropew u l-Parlament saħqu ripetutament fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-interkonnnessjonijiet tal-elettriku bejn l-Istati Membri. Dawn l-interkonnnessjonijiet għandhom diversi effetti pożittivi għall-Unjoni, bħal pereżempju aktar kapaċità ta' integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, aktar sigurtà tal-provvista u kompetizzjoni mtejjba fis-suq intern tal-enerġija. Bħala parti mill-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha, intlaħaq ftehim dwar mira ta' 15 % għall-interkonnnessjoni tal-elettriku fl-2030. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2017 bl-isem "It-tisħiħ tan-networks tal-enerġija tal-Ewropa" tivvaluta l-progress lejn il-kisba tal-mira ta' interkonnnessjoni ta' 10 % sal-2020 u tipproponi modi kif tiġi implimentata l-mira ta' 15 % sal-2030.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) L-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 uriet b'mod ċar li l-qafas tejjeb b'mod effettiv l-integrazzjoni tan-networks tal-Istati Membri, stimula l-kummerċ tal-enerġija u, b'hekk, ikkontribwixxa għall-kompetittività tal-Unjoni. Il-proġetti ta' interess komuni fl-elettriku u fil-gass ikkontribwew ħafna għas-sigurtà tal-provvista. ***Għall-gass, l-infrastruttura issa hija konnessa sew u r-reżiljenza tal-provvista tgiebet sostanzjalment mill-2013.*** Il-kooperazzjoni reġjonali fil-Gruppi Reġjonali u permezz tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet hija faċilitatur importanti għall-implimentazzjoni tal-proġetti. Madankollu, f'ħafna każijiet l-allokazzjoni transfruntiera

Emenda

(5) L-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 uriet b'mod ċar li l-qafas tejjeb b'mod effettiv l-integrazzjoni tan-networks tal-Istati Membri, stimula l-kummerċ tal-enerġija u, b'hekk, ikkontribwixxa għall-kompetittività tal-Unjoni. Il-proġetti ta' interess komuni fl-elettriku u fil-gass ikkontribwew ħafna għas-sigurtà tal-provvista. Il-kooperazzjoni reġjonali fil-Gruppi Reġjonali u permezz tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet hija faċilitatur importanti għall-implimentazzjoni tal-proġetti. Madankollu, f'ħafna każijiet l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet ma rriżultatx fi tnaqqis tad-diskrepanza tal-finanzjament tal-proġett, kif kien maħsub. Filwaqt li l-maġġoranza

tal-kostijiet ma rriżultatx fi tnaqqis tad-diskrepanza tal-finanzjament tal-proġett, kif kien maħsub. Filwaqt li l-maġġoranza tal-proċeduri għall-ġhoti ta' permessi tqassar, f'xi każijiet il-proċess għadu twil. L-assistenza finanzjarja mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) kienet fattur importanti peress li l-ġhotjiet għall-istudji għenu lill-proġetti sabiex jitnaqqsu r-riskji fl-istadji bikrija tal-iżvilupp filwaqt li l-ġhotjiet għax-xogħlijiet appoġġaw proġetti li jindirizzaw il-konġestjonijiet ewlenin li l-finanzjament tas-suq ma setax jindirizza b'mod suffiċjenti.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-politika tat-TEN-E hija strument ċentrali fl-iżvilupp ta' suq intern tal-enerġija u meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Sabiex jinkisbu n-newtralità klimatika **sal-2050** u livelli oġhla ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030, l-Ewropa teħtieġ sistema tal-enerġija aktar integrata, li tiddependi fuq livelli oġhla ta' elettrifikazzjoni **bbażata** fuq sorsi rinnovabbli u fuq id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-gass. Il-politika tat-TEN-E tista' **tiżgura** li l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni jappoġġa t-tranżizzjoni enerġetika meħtieġa għan-newtralità klimatika f'konformità mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel".

tal-proċeduri għall-ġhoti ta' permessi tqassar, f'xi każijiet il-proċess għadu twil. L-assistenza finanzjarja mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) kienet fattur importanti peress li l-ġhotjiet għall-istudji għenu lill-proġetti sabiex jitnaqqsu r-riskji fl-istadji bikrija tal-iżvilupp filwaqt li l-ġhotjiet għax-xogħlijiet appoġġaw proġetti li jindirizzaw il-konġestjonijiet ewlenin li l-finanzjament tas-suq ma setax jindirizza b'mod suffiċjenti.

Emenda

(6) Il-politika tat-TEN-E hija strument ċentrali fl-iżvilupp ta' suq intern tal-enerġija u meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Sabiex jinkisbu n-newtralità klimatika **sa mhux aktar tard mill-2050** u livelli oġhla ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 **f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi**, l-Ewropa **se** teħtieġ sistema tal-enerġija aktar integrata **li ttipprovdi effiċjenza enerġetika u** tiddependi fuq livelli oġhla ta' elettrifikazzjoni **u l-użu tal-idroġenu u fjuwils sintetiċi bbażati** fuq sorsi rinnovabbli u fuq id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-gass. Il-politika tat-TEN-E tista' **tipprovdi l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni tan-network li huma meħtieġa biex jiġi żgurati** li l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni jappoġġa t-tranżizzjoni enerġetika meħtieġa għan-newtralità klimatika **fir-rigward tas-setturi kollha, inkluż it-trasport**, f'konformità mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" **u inkluż l-iffrankar enerġetiku**.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Filwaqt li l-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 għadhom fil-biċċa l-kbira validi, il-qafas kurrenti tat-TEN-E għadu ma jirriflettix bis-sħiħ it-tibdiliet mistennija fis-sistema tal-enerġija li se jirriżultaw mill-kuntest politiku l-ġdid u b'mod partikolari mill-miri aġġornati tal-2030 u mill-objettiv tan-newtralità klimatika tal-2050 skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Minbarra l-kuntest u l-objettivi politiċi l-ġodda, l-iżvilupp teknoloġiku seħħ rapidament f'dawn l-aħħar għaxar snin. Dak l-iżvilupp jenħtieġ li jiġi kkunsidrat fil-kategoriji tal-infrastruttura koperti minn dan ir-Regolament, fil-kriterji tal-għażla tal-proġetti ta' interess komuni kif ukoll fil-kurituri prijoritarji u fl-oqsma tematiċi.

Emenda

(7) Filwaqt li l-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 għadhom fil-biċċa l-kbira validi, il-qafas kurrenti tat-TEN-E għadu ma jirriflettix bis-sħiħ it-tibdiliet mistennija fis-sistema tal-enerġija li se jirriżultaw mill-kuntest politiku l-ġdid u b'mod partikolari mill-miri aġġornati tal-2030 u mill-objettiv tan-newtralità klimatika tal-2050 skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, ***inkluż il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara"***. Minbarra l-kuntest u l-objettivi politiċi l-ġodda, l-iżvilupp teknoloġiku seħħ rapidament f'dawn l-aħħar għaxar snin. Dak l-iżvilupp jenħtieġ li jiġi kkunsidrat fil-kategoriji tal-infrastruttura koperti minn dan ir-Regolament, fil-kriterji tal-għażla tal-proġetti ta' interess komuni kif ukoll fil-kurituri prijoritarji u fl-oqsma tematiċi, ***filwaqt li jiġi ppreservat il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika u jiġi vvalutat l-impatt ambjentali u l-impronta tal-karbonju bl-użu tal-metodoloġija tal-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA). It-tisħiħ ulterjuri tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport jenħtieġ li jsir wieħed mill-kriterji għall-għażla ta' proġetti ta' interess komuni;***

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Jenħtieġ li l-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni tkun reżiljenti għall-impatti inevitabbli li t-tibdil fil-klima huwa

Emenda

(10) Jenħtieġ li l-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni ***tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima iżda wkoll***

stmat li joħloq fl-Ewropa minkejja l-isforzi ta' mitigazzjoni. Għalhekk, it-tisħiħ tal-isforzi dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-bini tar-reżiljenza, il-prevenzjoni tad-diżastri u t-tħejjija għalihom huwa kruċjali.

tkun reżiljenti għall-impatti inevitabli li t-tibdil fil-klima huwa stmat li joħloq fl-Ewropa minkejja l-isforzi ta' mitigazzjoni. Għalhekk, it-tisħiħ tal-isforzi dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-bini tar-reżiljenza, il-prevenzjoni tad-diżastri u t-tħejjija għalihom huwa kruċjali.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Is-setturi tat-trasport u tat-turiżmu jiddependu ħafna fuq l-enerġija. Il-politika tat-TEN-E riveduta jenħtieġ li tistabbilixxi sinerġiji ta' politika transsettorjali billi tappoġġa l-bidla modali u l-infrastruttura li jikkontribwixxu fil-ksib tal-miri għad-dekarbonizzazzjoni u għas-sostenibbiltà ta' dawn is-setturi; l-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-introduzzjoni sħiħa tal-fjuwils nodfa alternattivi għall-modi kollha tat-trasport, bil-ħsieb tad-dekarbonizzazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' teknoloġiji rilevanti, l-infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil (jiġifieri l-faċilitajiet tal-iċċarġjar elettroniku u l-faċilitajiet tar-riforniment tal-LNG u tal-idroġenu), l-istandards tas-sikurezza, tas-sigurtà u tal-interoperabbiltà. it-trasport jista' jkun, barra minn hekk, faċilitatur sinifikanti tal-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, li joffri flessibbiltà min-naħa tad-domanda u potenzjal kbir għall-kapaċità tal-ħżin tal-enerġija; Fid-dawl tal-integrazzjoni ulterjuri meħtieġa tas-setturi tal-enerġija u tat-trasport, l-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi introdotta b'mod li jippromwovi s-sinerġiji u l-komplementarjetà man-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) u l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi; Għalhekk il-kriterji għall-valutazzjoni u l-

għażla ta' proġetti ta' interess komuni u proġetti ta' interess reċiproku jenħtieġ li jkunu s-sinerġiji possibbli ma' networks oħra, b'mod partikolari n-network trans-Ewropew tat-trasport u l-infrastruttura transfruntiera tiegħu fil-modi kollha tat-trasport (it-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bil-baħar, bil-passaġġi tal-ilma interni u bl-ajru).

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Is-sigurtà tal-provvista, bħala **mutur ewlieni** wara r-Regolament (UE) Nru 347/2013, tgiebet b'mod sinifikanti permezz ta' proġetti ta' interess komuni. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt tal-mira klimatika tal-Kummissjoni²⁷ tistenna li l-konsum tal-gass naturali jonqos b'mod sinifikanti minħabba li l-użu mhux imraġżan tiegħu mhuwiex kompatibbli man-newtralità karbonika. Min-naħa l-oħra, il-konsum tal-bijogass, tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tal-fjuwils gassużi sintetiċi se jżied b'mod sinifikanti lejn l-2050. **Għalhekk, l-infrastruttura tal-gass naturali ma għadhiex teħtieġ appoġġ mill-politika tat-TEN-E. Jenħtieġ li l-ippjanar tal-infrastruttura tal-enerġija jirrifletti dan ix-xenarju tal-gass li qed jinbidel.**

Emenda

(11) Is-sigurtà tal-provvista **tal-enerġija**, bħala **objettiv tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija stabbilita fit-TFUE u wieħed mill-muturi ewlenin** wara r-Regolament (UE) Nru 347/2013, tgiebet b'mod sinifikanti permezz ta' proġetti ta' interess komuni. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt tal-mira klimatika tal-Kummissjoni²⁷ tistenna li l-konsum tal-gass naturali jonqos b'mod sinifikanti minħabba li l-użu mhux imraġżan tiegħu mhuwiex kompatibbli man-newtralità karbonika. Min-naħa l-oħra, il-konsum tal-bijogass, tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tal-fjuwils gassużi sintetiċi se jżied b'mod sinifikanti lejn l-2050, **u dan jirrikjedi infrastruttura xierqa, inkluż permezz tal-adattament jew l-adattament mill-ġdid tal-infrastruttura eżistenti Barra minn hekk, għal ċerti setturi industrijali u setturi tat-trasport bħat-trasport marittimu, l-avjazzjoni u t-trasport tal-merkanzija bit-triq fuq distanzi twal, għad hemm nuqqas ta' alternattivi teknoloġiċi kompetittivi mil-lat tal-kostijiet u maturi fuq skala kbira, u l-gass naturali u l-LNG qed jaġixxu bħala soluzzjoni tranżizzjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u biex gradwalment jitneħħa l-użu**

ta' fjuwils li jniġġsu ħafna.

²⁷ SWD(2020) 176 final

²⁷ SWD(2020) 176 final

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Fit-trasport marittimu u fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni, l-LNG, inkluż il-bijoLNG, u s-CNG għandhom rwol fit-tranżizzjoni fuq terminu qasir biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u biex issir bidla lil hinn minn fjuwils li jniġġsu aktar, u d-dekarbonizzazzjoni għat-trasport marittimu fuq terminu itwal tiddependi fuq l-użu massiv tal-ammonijaka u l-idroġenu, li jistgħu jwasslu għal propulsjoni mingħajr karbonju.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11b) Ir-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 jenħtieġ li tqis proġetti li jistgħu jkunu meħtieġa biex jingħalqu l-konnessjonijiet transfruntiera neqsin fl-interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri fin-network TEN-E u jikkontribwixxu għall-oġġettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) L-importanza tal-grilji intelliġenti tal-elettriku fil-kisba tal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima ġiet rikonoxxuta fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija²⁸. Jenħtieġ li l-kriterji għall-kategorija jinkludu l-iżviluppi teknoloġiċi fir-rigward tal-innovazzjoni u tal-aspetti diġitali. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat ir-rwol tal-promotori tal-proġetti. Minħabba ż-żieda sinifikanti mistennija fid-domanda għall-enerġija mis-settur tat-trasport, b'mod partikolari **għall-vetturi elettriċi fit-toroq pubbliċi** u fiż-żoni urbani, jenħtieġ li t-teknoloġiji tal-grilji intelliġenti jgħinu wkoll sabiex itejbu l-appoġġ relatat man-network tal-enerġija għall-iċċarġjar transfruntier b'kapaċità għolja sabiex jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport.

Emenda

(12) L-importanza tal-grilji intelliġenti tal-elettriku fil-kisba tal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima ġiet rikonoxxuta fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija²⁸. Jenħtieġ li l-kriterji għall-kategorija jinkludu l-iżviluppi teknoloġiċi fir-rigward tal-innovazzjoni u tal-aspetti diġitali. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat ir-rwol tal-promotori tal-proġetti. Minħabba ż-żieda sinifikanti mistennija fid-domanda għall-enerġija mis-settur tat-trasport, b'mod partikolari **għall-elettromobbiltà fl-awtostradi** u fiż-żoni urbani, jenħtieġ li t-teknoloġiji tal-grilji intelliġenti, **kif ukoll standards urġentement meħtieġa għall-iċċarġjar u mezz ta' pagament**, jgħinu wkoll sabiex itejbu l-appoġġ relatat man-network tal-enerġija għall-iċċarġjar transfruntier b'kapaċità għolja sabiex jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport **u jtejbju l-użu ta' vetturi elettriċi skont il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", u ta' fjuwils alternattivi, filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni gradwali u ġusta għal ċerti setturi tat-trasport fejn alternattivi teknoloġiċi vijabbli għad mhumiex disponibbli, u filwaqt li tiġi ppreservata l-kompetittività tas-sistema tal-enerġija Ewropea. F'dan ir-rigward, il-kurituri tal-awtostradi tal-elettriku u tal-fjuwils alternattivi jenħtieġ li jingħataw ukoll prijorità bħala parti mill-modernizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija biex tiġi evitata l-konġestjoni tal-grilja. L-elettromobbiltà u l-batteriji bidirezzjonali jippermettu ċaqliq fil-perjodi ta' użu massimu u rispons għad-domanda, li jappoġġa l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli b'mod kosteffiċjenti u li jirrikjedi inqas kapaċità ta' ġenerazzjoni u infrastruttura.**

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) L-introduzzjoni rapida tal-konnessjonijiet meħtieġa tal-grilja tal-elettriku għall-iċċarġjar effiċjenti u b'kapaċità għolja tal-vetturi elettriċi jenħtieġ li tingħata prijorità tul il-kuritur tan-network ewlieni u fin-network ġenerali tat-TEN-T. Biex tkun possibbli l-integrazzjoni tas-settur, inkluż ir-rispons tad-domanda li jappoġġa l-integrazzjoni kosteffiċjenti tal-enerġija rinnovabbli, u biex jiġu rikonnoxxuti l-bidliet fl-imġiba tal-konsumaturi u biex tiżdied id-domanda għat-trasport ekoloġiku, l-infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi jenħtieġ li tkun eliġibbli għall-Istatus ta' PCI;

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija tenfasizza l-ħtieġa għal ippjanar integrat tal-infrastruttura tal-enerġija fost it-trasportaturi tal-enerġija, l-infrastrutturi u s-setturi tal-konsum. Din l-integrazzjoni tas-sistema tibda mill-punt tat-tluq tal-applikazzjoni tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u tat-teħid ta' approċċ olistiku lil hinn mis-setturi individwali. Tindirizza wkoll il-ħtiġijiet ta' dekarbonizzazzjoni tas-setturi diffiċli

(13) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija tenfasizza l-ħtieġa għal ippjanar integrat tal-infrastruttura tal-enerġija fost it-trasportaturi tal-enerġija, l-infrastrutturi u s-setturi tal-konsum. Din l-integrazzjoni tas-sistema tibda mill-punt tat-tluq tal-applikazzjoni tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u tat-teħid ta' approċċ olistiku lil hinn mis-setturi individwali. Tindirizza wkoll il-ħtiġijiet ta' dekarbonizzazzjoni tas-setturi diffiċli

sabiex jitrażżnu, bħal partijiet tal-industrija jew ċerti modi tat-trasport, fejn, bħalissa, l-elettrifikazzjoni diretta hija teknikament jew ekonomikament diffiċli. Investimenti bħal dawn jinkludu l-idroġenu u l-elettrolizzaturi, li qed jagħmlu progress lejn varar kummerċjali fuq skala kbira. L-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Idroġenu tagħti prijorità lill-produzzjoni tal-idroġenu mill-elettriku rinnovabbli, li hija l-aktar soluzzjoni nadifa u li hija l-aktar kompatibbli mal-oġettiv ta' newtralità klimatika tal-UE. Madankollu, f'fażi tranżitorja, jenħtieġu forom oħra ta' idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sabiex l-idroġenu eżistenti jiġi ssostitwit b'mod aktar rapidu u tingħata spinta lill-ekonomija ta' skala.

sabiex jitrażżnu, bħal partijiet tal-industrija jew ċerti modi tat-trasport, **bħall-avjazzjoni u t-trasport marittimu**, fejn, bħalissa, l-elettrifikazzjoni diretta hija teknikament jew ekonomikament diffiċli **u għadu meħtieġ appoġġ għal soluzzjonijiet tranżizzjonali**. Investimenti bħal dawn jinkludu l-idroġenu **sostenibbli** u l-elettrolizzaturi, li qed jagħmlu progress lejn varar kummerċjali fuq skala kbira. L-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Idroġenu tagħti prijorità lill-produzzjoni tal-idroġenu mill-elettriku rinnovabbli, li hija l-aktar soluzzjoni nadifa u li hija l-aktar kompatibbli mal-oġettiv ta' newtralità klimatika tal-UE. **Għal dan il-għan, il-hubs tal-enerġija lil hinn mill-kosta se jkollhom rwol sinifikanti fl-użu tal-enerġija ġġenerata mill-espansjoni tas-sorsi tal-enerġija lil hinn mill-kosta biex jipproduċu l-enerġija rinnovabbli addizzjonali meħtieġa**. Madankollu, f'fażi tranżitorja, jenħtieġu forom oħra ta' idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sabiex l-idroġenu eżistenti jiġi ssostitwit b'mod aktar rapidu u tingħata spinta lill-ekonomija ta' skala.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Barra minn hekk, l-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Idroġenu²⁹ kkonkludiet li għall-varar meħtieġ tal-idroġenu, network tal-infrastruttura fuq skala kbira huwa element importanti li l-Unjoni u s-suq uniku biss jistgħu joffru. Bħalissa hemm infrastruttura dedikata limitata ħafna għat-trasport u għall-kummerċ tal-idroġenu bejn il-fruntieri. Jenħtieġ li infrastruttura bħal din tkun tikkonsisti f'ammont sinifikanti ta' assi konvertiti mill-gass naturali, ikkomplementati minn assi ġodda

Emenda

(14) Barra minn hekk, l-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Idroġenu²⁹ kkonkludiet li għall-varar meħtieġ tal-idroġenu, network tal-infrastruttura fuq skala kbira huwa element importanti li l-Unjoni u s-suq uniku biss jistgħu joffru. Bħalissa hemm infrastruttura dedikata limitata ħafna għat-trasport u għall-kummerċ tal-idroġenu bejn il-fruntieri. Jenħtieġ li infrastruttura bħal din tkun tikkonsisti f'ammont sinifikanti ta' assi konvertiti mill-gass naturali, ikkomplementati minn assi ġodda

ddedikati għall-idroġenu. Barra minn hekk, l-Istrateġija għall-Idroġenu tistabbilixxi mira strateġika sabiex sal-2030 tiżdied il-kapaċità installata tal-elettrolizzaturi għal 40 GW bl-għan li tiżdied il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u tiġi ffaċilitata d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi dipendenti fuq il-fjuwils fossili, bħall-industrija jew it-trasport. Għalhekk, jenħtieġ li l-politika tat-TEN-E tinkludi infrastruttura **u ħżin ġodda u adattati** mill-ġdid għat-trażmissjoni tal-idroġenu kif ukoll faċilitajiet tal-elettrolizzaturi. Jenħtieġ li l-infrastruttura għat-trażmissjoni u għall-ħżin tal-idroġenu tiġi inkluża wkoll fil-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni komprensiva u konsistenti tal-kostijiet u tal-benefiċċji tagħha għas-sistema tal-enerġija, inkluż il-kontribut tagħha għall-integrazzjoni u għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi, bl-għan li jinħoloq pedament tal-idroġenu għall-Unjoni.

ddedikati għall-idroġenu. **Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu promossi b'mod attiv opportunitajiet ġodda għall-kooperazzjoni fil-varar tal-idroġenu ma' pajjiżi u reġjuni ġirien u attenzjoni speċjali lill-pajjiżi fil-proċess ta' adegżjoni mal-Unjoni Ewropea.** Barra minn hekk, l-Istrateġija għall-Idroġenu tistabbilixxi mira strateġika sabiex sal-2030 tiżdied il-kapaċità installata tal-elettrolizzaturi għal 40 GW bl-għan li tiżdied il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u tiġi ffaċilitata d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi dipendenti fuq il-fjuwils fossili, bħall-industrija jew it-trasport **fuq distanzi twal u heavy duty.** Għalhekk, jenħtieġ li l-politika tat-TEN-E tinkludi infrastruttura **ġdida u adattata** mill-ġdid għat-trażmissjoni tal-idroġenu, **filwaqt li tippermetti soluzzjonijiet ta' taħlit biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, dment li jikkonformaw bis-siħ mal-interoperabbiltà, u ħżin tal-idroġenu** kif ukoll faċilitajiet tal-elettrolizzaturi. Jenħtieġ li l-infrastruttura għat-trażmissjoni u għall-ħżin tal-idroġenu tiġi inkluża wkoll fil-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni komprensiva u konsistenti tal-kostijiet u tal-benefiċċji tagħha għas-sistema tal-enerġija, inkluż il-kontribut tagħha għall-integrazzjoni u għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi, bl-għan li jinħoloq pedament tal-idroġenu għall-Unjoni. **Meta tagħmel dan, l-Unjoni jenħtieġ li tiżgura kundizzjonijiet ekwi u tissalvagwarda l-kompetittività tal-industrija tal-UE, filwaqt li tipprevedi "fażi preparatorja" permezz ta' proġetti ta' riċerka u proġetti pilota, bil-għan li jiġi żviluppat suq matur u stabbli għall-idroġenu.**

²⁹ Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima, COM(2020) 301 final.

²⁹ Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima, COM(2020) 301 final.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Barra minn hekk, jenħtieġ li tinħoloq kategorija ġdida ta' infrastruttura għall-grilji intelliġenti tal-gass sabiex issostni l-investimenti għall-integrazzjoni ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bħall-bijogass, il-bijometan u l-idroġenu, fin-network u tgħin fil-ġestjoni ta' sistema aktar kumplessa li tirriżulta, filwaqt li tibni fuq teknoloġiji diġitali innovattivi.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jirrikjedi proġett kandidat ta' interess komuni li jagħti prova ta' kontribuzzjoni sinifikanti għal tal-anqas kriterju wieħed minn sett ta' kriterji fil-proċess għall-elaborazzjoni tal-lista tal-Unjoni, li jista' jinkludi s-sostenibbiltà, iżda mhux bilfors. F'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq intern tal-enerġija ta' dak iż-żmien, dak ir-reqwizit ippermetta l-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni li indirizzaw biss ir-riskji għas-sigurtà tal-provvista anke jekk ma wrewx benefiċċji f'termini ta' sostenibbiltà. Madankollu, minħabba l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet infrastrutturali tal-Unjoni u l-miri ta' dekarbonizzazzjoni, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020, li skont dawn "l-infiq tal-UE jenħtieġ li jkun konsistenti mal-obiettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u mal-prinċipju ta' "tagħmel l-ebda ħsara" tal-Ftehim Ekoloġiku Ewropew", is-sostenibbiltà

Emenda

(15) Barra minn hekk, jenħtieġ li tinħoloq kategorija ġdida ta' infrastruttura għall-grilji intelliġenti tal-gass sabiex issostni l-investimenti għall-integrazzjoni ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bħall-bijogass **sostenibbli tat-tieni ġenerazzjoni**, il-bijometan u l-idroġenu, fin-network u tgħin fil-ġestjoni ta' sistema aktar kumplessa li tirriżulta, filwaqt li tibni fuq teknoloġiji diġitali innovattivi.

Emenda

(16) Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jirrikjedi proġett kandidat ta' interess komuni li jagħti prova ta' kontribuzzjoni sinifikanti għal tal-anqas kriterju wieħed minn sett ta' kriterji fil-proċess għall-elaborazzjoni tal-lista tal-Unjoni, li jista' jinkludi s-sostenibbiltà, iżda mhux bilfors. F'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq intern tal-enerġija ta' dak iż-żmien, dak ir-reqwizit ippermetta l-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni li indirizzaw biss ir-riskji għas-sigurtà tal-provvista anke jekk ma wrewx benefiċċji f'termini ta' sostenibbiltà. Madankollu, minħabba l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet infrastrutturali tal-Unjoni u l-miri ta' dekarbonizzazzjoni, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020, li skont dawn "l-infiq tal-UE jenħtieġ li jkun konsistenti mal-obiettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u mal-prinċipju ta' "tagħmel l-ebda ħsara" tal-Ftehim Ekoloġiku Ewropew", is-sostenibbiltà **tal-**

f'termini tal-integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, kif rilevanti, jenħtieġ li jiġu vvalutati sabiex jiġi żgurat li l-politika tat-TEN-E tkun koerenti mal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u ***l-klima***. Is-sostenibbiltà tan-networks tat-trasport tas-CO2 hija indirizzata mill-iskop tagħhom li jittrasportaw id-diossidu tal-karbonju.

proġetti f'termini tal-integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, kif rilevanti, jenħtieġ li jiġu vvalutati sabiex jiġi żgurat li l-politika tat-TEN-E tkun koerenti mal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija, ***il-klima*** u ***l-ambjent filwaqt li jiġqiesu l-ispeċifitàjiet ta' kull Stat Membru. Għalhekk, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-proġetti taċċerta b'mod partikolari li l-proġetti jkunu konsistenti mal-oġġettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni, inkluż billi jagħtu kontribut sinifikanti lill-miri klimatiċi tal-Unjoni u billi jsegwu l-prinċipji "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u "tagħmel l-ebda ħsara" Il-promoturi tal-proġetti jenħtieġ li juri l-użu ta' approċċi ta' effiċjenza enerġetika għat-teknoloġija, u l-operat tan-network fid-disinn, l-iżvilupp u t-twettiq tal-proġett.*** Is-sostenibbiltà tan-networks tat-trasport tas-CO2 hija indirizzata mill-iskop tagħhom li ***jaqbdu, jużaw, jaħżnu u*** jittrasportaw id-diossidu tal-karbonju.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Barra minn hekk, sabiex jintlaħqu l-miri klimatiċi u enerġetiċi tal-Unjoni għall-2030 u għall-2050 u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika, l-Ewropa teħtieġ li żżid b'mod sinifikanti l-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli. Il-kategoriji eżistenti tal-infrastruttura għat-trażmissjoni u għall-ħżin tal-elettriku huma kruċjali għall-integrazzjoni taż-żieda sinifikanti fil-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fil-grilja enerġetika. Barra minn hekk, dak jeħtieġ li jiżdied l-investment fl-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. Jenħtieġ li tiġi indirizzata wkoll il-koordinazzjoni tal-ippjanar u tal-iżvilupp fit-tul tas-sistemi ta'

Emenda

(18) Barra minn hekk, sabiex jintlaħqu l-miri klimatiċi u enerġetiċi tal-Unjoni għall-2030 u għall-2050 u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika, l-Ewropa teħtieġ li żżid b'mod sinifikanti l-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli, ***anke fil-gżejjer u fir-reġjuni ultraperiferiċi.*** Il-kategoriji eżistenti tal-infrastruttura għat-trażmissjoni u għall-ħżin tal-elettriku huma kruċjali għall-integrazzjoni taż-żieda sinifikanti fil-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fil-grilja enerġetika. Barra minn hekk, dak jeħtieġ li jiżdied l-investment fl-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta ***u fil-hubs tal-enerġija lil hinn mill-kosta³⁰, li se***

distribuzzjoni tal-elettriku fil-baħar u fuq l-art. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-ippjanar tal-infrastruttura lil hinn mill-kosta jitbiegħed mill-approċċ ta' proġett bi proġett u jqarreb lejn approċċ komprensiv koordinat li jiżgura l-iżvilupp sostenibbli ta' sistemi integrati ta' distribuzzjoni fil-baħar f'konformità mal-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta ta' **kull baċir** tal-baħar, **mal-ħarsien tal-ambjent** u **ma'** użi oħra tal-baħar.

³⁰ Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija lil hinn mill-kosta

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Wara konsultazzjonijiet mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet **konċernati** kollha, il-Kummissjoni identifikat 13-il prijorità strateġika tal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li l-implimentazzjoni tagħhom hija essenzjali għall-kisba tal-miri tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima għall-2030 u għall-2050. Dawk il-prijoritajiet ikopru reġjuni ġeografiċi jew oqsma tematiċi differenti fil-qasam tat-trażmissjoni u tal-ħżin tal-elettriku, tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli, tat-trażmissjoni u tal-ħżin tal-idroġenu, tal-elettrolizzaturi, tal-grilji intelliġenti tal-gass, tal-grilji intelliġenti

jippermetti żieda fl-infrastruttura power-to-x meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni ta' setturi bħall-avjazzjoni u t-trasport marittimu u għat-tneħħija gradwali tal-użu ta' fjuwils li jniġġsu ħafna. Jenħtieġ li tiġi indirizzata wkoll il-koordinazzjoni tal-ippjanar u tal-iżvilupp fit-tul tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fil-baħar u fuq l-art. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-ippjanar tal-infrastruttura lil hinn mill-kosta jitbiegħed mill-approċċ ta' proġett bi proġett u jqarreb lejn approċċ komprensiv koordinat li jiżgura l-iżvilupp sostenibbli ta' sistemi integrati ta' distribuzzjoni fil-baħar f'konformità mal-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta ta' **baċiri magħżula** tal-baħar **u filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-protezzjoni ambjentali, il-protezzjoni tal-pajsaġġ** u użi oħra tal-baħar.

³⁰ Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija lil hinn mill-kosta

Emenda

(23) Wara konsultazzjonijiet mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet **ikkonċernati** kollha, il-Kummissjoni identifikat 13-il prijorità strateġika tal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li l-implimentazzjoni tagħhom hija essenzjali għall-kisba tal-miri tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima għall-2030 u għall-2050. Dawk il-prijoritajiet ikopru reġjuni ġeografiċi jew oqsma tematiċi differenti fil-qasam tat-trażmissjoni u tal-ħżin tal-elettriku, tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli, tat-trażmissjoni u tal-ħżin tal-idroġenu, tal-elettrolizzaturi, tal-grilji intelliġenti tal-gass, tal-grilji intelliġenti

tal-elettriku, u *tat-trasport* tad-diossidu tal-karbonju.

tal-elettriku, u *tal-qbid, użu, ħżin u trasport* tad-diossidu tal-karbonju.

Emenda 21

Proposta għal regolament

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) L-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-Unjoni ta' interess komuni fl-oqsma tal-infrastruttura tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni jenħtieġ li jiġu kkoordinati sabiex jiġu ġġenerati sinerġiji kull meta dawn ikunu fattibbli minn perspettiva ta' ppjanar ekonomiku, tekniku, ambjentali, klimatiku *jew* spazjali ġenerali, u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-aspetti rilevanti tas-sikurezza. Għalhekk, matul l-ippjanar tad-diversi networks Ewropej, jenħtieġ li jkun possibbli li tingħata preferenza lill-integrazzjoni tan-networks tat-trasport, tal-komunikazzjoni u tal-enerġija sabiex jiġi żgurat li jintuża l-anqas ammont possibbli ta' art, filwaqt li jiġi żgurat, fejn ikun possibbli, li jintużaw mill-ġdid rotot eżistenti jew li ma għadhomx jintużaw, bl-għan li jitnaqqas għall-minimu kwalunkwe impatt soċjali, ekonomiku, ambjentali, klimatiku u finanzjarju negattiv.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Premessa 33a (ġdida)

Emenda

(29) L-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-Unjoni ta' interess komuni fl-oqsma tal-infrastruttura tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni jenħtieġ li jiġu kkoordinati sabiex jiġu ġġenerati sinerġiji kull meta dawn ikunu fattibbli minn perspettiva ta' ppjanar ekonomiku, tekniku, ambjentali, klimatiku *u* spazjali ġenerali, u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-aspetti rilevanti tas-sikurezza, *tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u tal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara"*. Għalhekk, matul l-ippjanar tad-diversi networks Ewropej, jenħtieġ li jkun possibbli li tingħata preferenza lill-integrazzjoni tan-networks tat-trasport, tal-komunikazzjoni u tal-enerġija sabiex jiġi żgurat li jintuża l-anqas ammont possibbli ta' art, filwaqt li jiġi żgurat, fejn ikun possibbli, li jintużaw mill-ġdid rotot eżistenti jew li ma għadhomx jintużaw, bl-għan li jitnaqqas għall-minimu kwalunkwe impatt soċjali, ekonomiku, ambjentali, klimatiku u finanzjarju negattiv. *B'mod partikolari, il-proġetti ta' interess komuni jenħtieġ li jiġu vvalutati f'termini tas-sinerġiji tagħhom man-Network Trans-Ewropew tat-Trasport biex jiġi massimizzat l-impatt.*

(33a) Il-proġetti ta' infrastruttura tat-TEN-E li jikkonċernaw żewġ Stati Membri jew aktar jiffaċċjaw sfidi partikolari fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-proċeduri tal-għoti ta' permessi. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jikkooperaw sabiex jikkoordinaw l-iskedi ta' żmien tagħhom u jaqblu fuq skeda konġunta dwar il-proċedura tal-għoti tal-permessi. Għall-proġetti ta' interess komuni transfruntiera tal-infrastruttura tat-TEN-E, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jistabbilixxu, bi ftehim reċiproku, awtorità konġunta sabiex jiffaċilitaw il-proċeduri tal-għoti tal-permessi. F'dak il-każ, l-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtorità kompetenti biex tistabbilixxi awtorità kompetenti konġunta;

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi linji gwida għall-iżvilupp f'waqtu u għall-interoperabbiltà tal-kurituri u tal-oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea stabbiliti fl-Anness I ("kurituri u oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija") li jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi u enerġetiċi tal-Unjoni għall-2030 u għall-objettiv tan-newtralità klimatika **sal-2050**.

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi linji gwida għall-iżvilupp f'waqtu u għall-interoperabbiltà tal-kurituri u tal-oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea stabbiliti fl-Anness I ("kurituri u oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija") li jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi u enerġetiċi tal-Unjoni għall-2030, **kif stabbilit fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika**, u għall-objettiv tan-newtralità klimatika **sa mhux aktar tard mill-2050, skont il-prinċipji "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u "la tagħmilx ħsara sinifikanti"**.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jindirizza l-identifikazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-kurituri u tal-oqsma prijoritarji li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija fl-elettriku, il-grilji intelliġenti tal-gass, l-idroġenu, l-elettrolizzaturi u d-diossidu tal-karbonju stabbiliti fl-Anness II ("kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija");

Emenda

(a) jindirizza l-identifikazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-kurituri u tal-oqsma prijoritarji li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija fl-elettriku, il-grilji intelliġenti tal-gass, l-idroġenu, l-elettrolizzaturi u d-diossidu tal-karbonju stabbiliti fl-Anness II ("kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija"), ***mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tan-newtralità teknoloġika***;

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jiffaċilita l-implimentazzjoni f'waqtha ta' proġetti ta' interess komuni billi jissimplifika, jikkoordina aktar mill-qrib, u jaċċellera l-proċessi għall-għoti ta' permessi u billi jtejjeb il-parteciġazzjoni pubblika;

Emenda

(b) jiffaċilita l-implimentazzjoni f'waqtha ta' proġetti ta' interess komuni billi jissimplifika, jikkoordina aktar mill-qrib, u jaċċellera l-proċessi għall-għoti ta' permessi u billi jtejjeb il-parteciġazzjoni pubblika ***kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak transfruntier***;

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) "grilja intelliġenti tal-elettriku" tfisser network tal-elettriku li fih l-operatur tal-grilja jkun jista' jimmonitorja b'mod diġitali l-azzjonijiet tal-utenti konnessi

Emenda

(8) "grilja intelliġenti tal-elettriku" tfisser network tal-elettriku li fih l-operatur tal-grilja jkun jista' jimmonitorja b'mod diġitali l-azzjonijiet tal-utenti konnessi

miegħu, u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) għall-komunikazzjoni ma' operaturi tal-grilja relatati, ma' ġeneraturi, ma' konsumaturi u/jew ma' prosumaturi, bl-għan li l-elettriku jiġi trażmess b'mod sostenibbli, kosteffiċjenti u sigur;

miegħu, u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) għall-komunikazzjoni ma' operaturi tal-grilja relatati, ma' ġeneraturi, ma' konsumaturi u/jew ma' prosumaturi **u mal-mobbiltà**, bl-għan li l-elettriku jiġi trażmess b'mod sostenibbli, kosteffiċjenti u sigur;

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) "grilja intelliġenti tal-gass" tfisser network tal-gass li jagħmel użu minn soluzzjonijiet diġitali innovattivi sabiex jintegra b'mod kosteffiċjenti pluralità ta' sorsi tal-gass b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rinnovabbli f'konformità mal-ħtiġijiet tal-konsumaturi u mar-rekwiżiti dwar il-kwalità tal-gass sabiex titnaqqas il-marka tal-karbonju tal-konsum tal-gass relatat, ikun jista' jżiddied is-sehem tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u jinħolqu rabtiet ma' operaturi u ma' setturi oħra tal-enerġija;

Emenda

(9) "grilja intelliġenti tal-gass" tfisser network tal-gass li jagħmel użu minn soluzzjonijiet diġitali innovattivi sabiex jintegra b'mod kosteffiċjenti pluralità ta' sorsi tal-gass b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rinnovabbli f'konformità mal-ħtiġijiet tal-konsumaturi, **inkluża l-mobbiltà**, u mar-rekwiżiti dwar il-kwalità tal-gass sabiex titnaqqas il-marka tal-karbonju tal-konsum tal-gass relatat, ikun jista' jżiddied is-sehem tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u jinħolqu rabtiet ma' operaturi u ma' setturi oħra **tal-enerġija, biex b'hekk ikun hemm tisħiħ fis-sigurtà tal-provvista u flessibbiltà fis-sistema** tal-enerġija;

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) "Awtorità kompetenti konġunta" tfisser awtorità li tista' tiġi stabbilita bi ftehim reċiproku bejn żewġ Stati Membri jew aktar biex tiffaċilita l-proċeduri tal-għoti tal-permessi relatati ma' proġetti transfruntiera. F'dak il-każ, l-Istati

Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtorità kompetenti biex tistabilixxi awtorità konġunta;

Emenda 29

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) "interoperabbiltà" tfisser il-kundizzjonijiet, ir-rekwiżiti jew il-karatteristiċi regolatorji, tekniċi u operattivi kollha tal-infrastruttura tal-enerġija biex jippermettu flussi tal-enerġija sikuri u mhux interrotti kif ukoll biex jinkisbu l-livelli ta' prestazzjoni meħtieġa tul in-network tal-enerġija Ewropew;

Emenda 30

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16b) "hubs tat-trasport multimodali" huma postijiet maħsuba għall-integrazzjoni u l-interoperabbiltà ta' modi differenti ta' trasport kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija, u b'hekk jikkontribwixxu għat-twettiq tal-bidla lejn sistema tat-trasport multimodali li tkun sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija;

Emenda 31

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Kull Grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess, filwaqt li jqis id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III.

2. Kull Grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess, filwaqt li jqis id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III, **li għandhom jinkludu wkoll regoli dwar il-prevenzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess u l-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trasparenza.**

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) ikun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru wieħed, fuq gżejjer mhux konnessi biżżejjed man-networks tal-enerġija trans-Ewropej, u jaqa' taħt id-definizzjoni ta' sistemi żgħar konnessi jew sistemi iżolati skont id-Direttiva 2019/944;

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – punt iib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iib) isaħħaħ id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, pereżempju billi jappoġġa l-introduzzjoni ta' sistemi ta' propulsjoni li jużaw fjuwils nodfa alternattivi, inklużi sistemi ta' provvista, u jipprovdi infrastruttura korrispondenti, filwaqt li jqis is-sinerġiji possibbli ma' networks oħra, b'mod partikolari n-network trans-Ewropew tat-trasport;

Emenda 34

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

(ca) il-proġett ikun konsistenti mal-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni, u jikkontribwixxi, kif rilevanti, għall-miri tal-klima u tal-enerġija tal-Unjoni għall-2030, kif stabbilit fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (UE) dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika, u għall-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

(a) il-proġett jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni u ta' dawk tal-pajjiż terz u għas-sostenibbiltà, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja u permezz tat-trażmissjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli lejn ċentri ta' konsum u siti ta' ħżin ewlenin, u;

(a) il-proġett jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni, **inkluż fis-settur tat-trasport**, tal-Unjoni u ta' dawk tal-pajjiż terz u għas-sostenibbiltà, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja u permezz tat-trażmissjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli lejn ċentri ta' konsum u siti ta' ħżin ewlenin, **inkluż billi jsaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar teknoloġiji tal-enerġija sostenibbli, inkluż l-idroġenu, biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli, jiġu promossi l-istandards u r-regolamenti tal-UE u l-introduzzjoni ta' infrastruttura ġdida, b'mod partikolari networks tar-riforniment tal-fjuwil u tal-iċċarġjar**, u;

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

(fa) tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi ġirien tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari lill-pajjiżi fil-proċess ta' adeżjoni, bil-ħsieb li jitħaffu l-allinjament regolatorju u l-applikazzjoni tar-regoli rilevanti u jiġi estiż in-network tal-infrastruttura bħala mezz biex titwessa' d-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) l-integrazzjoni tas-suq, **inkluż permezz tat-tneħħija tal-iżolament ta' mill-inqas Stat Membru wieħed u t-tnaqqis tal-konġestjonijiet tal-infrastruttura tal-enerġija**; il-kompetizzjoni u **l-flessibilità** tas-sistema;

(i) l-integrazzjoni tas-suq, **billi jiżdied il-livell ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, jitnaqqsu l-konġestjonijiet fl-infrastruttura tal-enerġija, tiżdied** il-kompetizzjoni u **l-flessibilità** tas-sistema;

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) is-sigurtà tal-provvista, inkluż permezz tal-interoperabbiltà, tal-flessibilità tas-sistema, taċ-ċibersigurtà, tal-konnessjonijiet xierqa u tal-operat sikur u affidabbli tas-sistema.

(ii) is-sigurtà tal-provvista, inkluż permezz tal-interoperabbiltà, tal-flessibilità tas-sistema, taċ-ċibersigurtà, **taż-żieda fl-effiċjenza fl-enerġija**, tal-konnessjonijiet xierqa u tal-operat sikur u affidabbli tas-sistema.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt b – punt iia (ġdid)

(iia) l-integrazzjoni tas-settur, permezz tat-titjib tal-interazzjoni ta' vetturi jew setturi differenti tal-enerġija, pereżempju permezz taż-żieda ta' sinerġiji f'setturi transsettorjali u l-koordinazzjoni bejn l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni;

Emenda 40

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) għall-proġetti tat-trasport tad-diossidu tal-karbonju li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (5) tal-Anness II, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kriterji speċifiċi kollha li ġejjin:

(c) għall-proġetti **tal-qbid, tal-użu, tal-ħżin u** tat-trasport tad-diossidu tal-karbonju li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (5) tal-Anness II, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kriterji speċifiċi kollha li ġejjin:

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) iż-żieda fir-reżiljenza u fis-sigurtà **tat-trasport** tad-diossidu tal-karbonju;

(ii) iż-żieda fir-reżiljenza u fis-sigurtà **tal-qbid, tal-użu, tal-ħżin u tat-trasport** tad-diossidu tal-karbonju;

Emenda 42

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt d – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) għall-proġetti tal-idroġenu li jaqgħu

(d) għall-proġetti tal-idroġenu **ġodda u**

taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (3) tal-Anness II, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà, inkluż billi jitnaqqsu l-emissjonijiet **tal-gass** serra, tissaħħaħ l-adozzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u tiġi sostnuta l-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli varjabbli billi jiġu offruti soluzzjonijiet ta' flessibilità u/jew ta' ħżin. Barra minn hekk, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal tal-anqas wieħed mill-kriterji speċifiċi li ġejjin:

adattati mill-ġdid li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (3) tal-Anness II, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà, inkluż billi jitnaqqsu l-emissjonijiet **tal-gassijiet** serra, tissaħħaħ l-adozzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u **b'livell baxx tal-karbonju u tiġi sostnuta l-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli varjabbli u s-sigurtà tal-provvista fis-sistema kollha** billi jiġu offruti soluzzjonijiet ta' flessibilità u/jew ta' ħżin. Barra minn hekk, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal tal-anqas wieħed mill-kriterji speċifiċi li ġejjin:

Emenda 43

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) l-integrazzjoni tas-suq, inkluż permezz tal-konnessjoni ta' networks eżistenti jew emerġenti tal-idroġenu tal-Istati Membri, jew b'xi mod ieħor permezz tal-kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' network għall-Unjoni kollha għat-trasport u għall-ħżin tal-idroġenu, u l-iżgurar tal-interoperabilità tas-sistemi konnessi;

Emenda

(i) l-integrazzjoni tas-suq, inkluż permezz tal-konnessjoni ta' networks eżistenti jew emerġenti tal-idroġenu tal-Istati Membri, jew b'xi mod ieħor permezz tal-kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' network għall-Unjoni kollha għat-trasport, **għad-distribuzzjoni** u għall-ħżin tal-idroġenu **jew għall-provvista tal-fjuwil għall-mobbiltà li taħdem bl-idroġenu, jew fujwils sintetiċi bbażati fuq l-idroġenu** u l-iżgurar tal-interoperabilità tas-sistemi konnessi;

Emenda 44

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt e – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(e) għall-elettrolizzaturi li jaqgħu taħt **il-kategorija stabbilita** fil-punt (4) tal-Anness II, il-proġett għandu

Emenda

(e) għall-elettrolizzaturi **u għat-teknoloġiji power-to-x** li jaqgħu taħt **il-kategoriji stabbiliti** fil-punt (4) tal-

jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kriterji speċifiċi kollha li ġejjin:

Anness II, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kriterji speċifiċi kollha li ġejjin:

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt e – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) is-sostenibbiltà, inkluż permezz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-titjib tal-użu tal-idroġenu rinnovabbli.

Emenda

(i) is-sostenibbiltà, inkluż permezz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-titjib tal-użu tal-idroġenu rinnovabbli ***jew fjuwils sintetiċi.***

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt e – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) l-iffaċilitar tal-integrazzjoni intelliġenti tas-settur tal-enerġija permezz tal-konnessjoni ta' operaturi u ***ta'*** setturi differenti tal-enerġija.

Emenda

(iii) l-iffaċilitar tal-integrazzjoni intelliġenti tas-settur tal-enerġija permezz tal-konnessjoni ta' operaturi u setturi differenti tal-enerġija ***u l-iffaċilitar ta' servizzi ta' flessibbiltà bħal rispons tad-domanda u ħżin.***

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt f – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(f) għal proġetti ta' grilji intelliġenti tal-gass li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punt (2) tal-Anness II, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà billi jippermetti u jiffaċilita l-integrazzjoni ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju,

Emenda

(f) għal proġetti ta' grilji intelliġenti tal-gass li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punt (2) tal-Anness II, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà billi jippermetti u jiffaċilita l-integrazzjoni ta' ***pluralità ta'*** gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet

bħal *bijometanu jew idroġenu rinnovabbli*, fin-networks tad-distribuzzjoni u tat-trażmissjoni tal-gass sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Barra minn hekk, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal tal-anqas wieħed mill-kriterji speċifiċi li ġejjin:

tal-karbonju, bħal *bijometan, il-metan sintetiku jew l-idroġenu*, fin-networks tad-distribuzzjoni u tat-trażmissjoni tal-gass, *b'rispett sħiħ tal-interoperabbiltà*, sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, *u/jew billi jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi li għalihom għadhom mhumiex disponibbli alternattivi teknoloġiċi vijabbli*. Barra minn hekk, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal tal-anqas wieħed mill-kriterji speċifiċi li ġejjin:

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt f – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) is-sigurtà tan-network u l-kwalità tal-provvista billi jittejbu l-effiċjenza u l-interoperabbiltà tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-gass fl-operat tan-network ta' kuljum billi, fost l-oħrajn, jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mill-injezzjoni ta' gassijiet ta' kwalitajiet differenti permezz tal-varar ta' teknoloġiji innovattivi u permezz taċ-ċibersigurtà;

Emenda

(i) is-sigurtà tan-network u l-kwalità tal-provvista billi jittejbu l-effiċjenza u l-interoperabbiltà tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-gass fl-operat tan-network ta' kuljum billi, fost l-oħrajn, jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mill-injezzjoni ta' gassijiet ta' kwalitajiet differenti permezz tal-varar ta' teknoloġiji innovattivi u permezz taċ-ċibersigurtà, **billi tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista u jiġi promoss l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju u sistemi ta' propulsjonijiet li jnaqqsu t-tniġġis**;

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt f – punt iiiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiiia) l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u innovazzjoni għall-promozzjoni ta' sistemi effiċjenti fl-enerġija u fjuwils

nodfa alternattivi.

Emenda 50

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *il-komplementarjetà fir-rigward ta' proġetti proposti oħrajn;*

Emenda

(b) *l-impatt ta' proġetti proposti oħrajn, li jistgħu jikkomplimentaw il-proġett li jkun qed jiġi vvalutat, jew li jikkompetu miegħu jew potenzjalment jikkompetu miegħu;*

Emenda 51

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) is-sinerġiji li joħloq kull proġett propost bejn l-infrastruttura tal-enerġija u l-miri tad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi tat-trasport u tat-turiżmu, u s-sinerġiji possibbli tal-proġetti proposti ma' networks oħra, inkluż, fost l-oħrajn, in-network trans-Ewropew tat-trasport u l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi;

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. Il-proġetti li ma jibqgħux fil-lista tal-Unjoni għandhom jitilfu d-drittijiet u l-obbligi kollha marbuta mal-istatus ta' proġett ta' interess komuni li jirriżultaw minn dan ir-Regolament.

Madankollu, proġett li ma jkunx għadu fil-lista tal-Unjoni iżda li għalih ikun ġie

Emenda

9. Il-proġetti li ma jibqgħux fil-lista tal-Unjoni għandhom jitilfu d-drittijiet u l-obbligi kollha marbuta mal-istatus ta' proġett ta' interess komuni li jirriżultaw minn dan ir-Regolament.

Madankollu, proġett li ma jkunx għadu fil-lista tal-Unjoni iżda li għalih ikun ġie

aċċettat fajl ta' applikazzjoni sabiex jiġi eżaminat mill-awtorità kompetenti għandu jżomm id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-Kapitolu III, ħlief meta l-proġett ma jkunx għadu fil-lista għar-raġunijiet stabbiliti fil-paragrafu 8.

aċċettat fajl ta' applikazzjoni sabiex jiġi eżaminat mill-awtorità kompetenti għandu jżomm id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-Kapitolu III, ħlief meta l-proġett ma jkunx għadu fil-lista għar-raġunijiet stabbiliti fil-paragrafu 8.

Proġett li jkun ingħata status ta' PCI skont ir-Regolament UE 347/2013 jista' jiġi kkonfermat id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-Kapitolu III dment li jkun meħtieġ li jingħalqu l-konnessjonijiet transfruntiera neqsin fl-interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri u jikkontribwixxi għall-oġġettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta proġett ta' interess komuni ***jsib*** diffikultajiet ***ta' implimentazzjoni*** sinifikanti, il-Kummissjoni ***tista'*** taħtar, bi qbil mal-Istati Membri ***konċernati***, koordinatur Ewropew għal perjodu ta' mhux aktar minn sena li jista' jiġġedded darbtejn.

Emenda

1. Meta proġett ta' interess komuni jsib diffikultajiet ***u dewmien*** sinifikanti ***fl-implimentazzjoni***, il-Kummissjoni ***għandha*** taħtar, bi qbil mal-Istati Membri ***kkonċernati***, koordinatur Ewropew għal perjodu ta' mhux aktar minn sena li jista' jiġġedded darbtejn.

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Bl-għan li jiġi żgurat ***il-proċessar*** amministrattiv effiċjenti tal-fajls tal-applikazzjonijiet relatati ma' proġetti ta' interess komuni, il-promoturi tal-proġetti u l-awtoritajiet ***konċernati*** kollha għandhom jiżguraw li dawk il-fajls ***jiġu ttrattati bl-***

Emenda

2. Bl-għan li jiġi żgurat ***l-ipproċessar*** amministrattiv effiċjenti tal-fajls tal-applikazzjonijiet relatati ma' proġetti ta' interess komuni, il-promoturi tal-proġetti u l-awtoritajiet ***ikkonċernati*** kollha għandhom jiżguraw li dawk il-fajls

aktar mod rapidu possibbli.

jingħataw prijorità fit-trattament.

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, meta jkun jeżisti tali status fid-dritt nazzjonali, il-proġetti ta' interess komuni għandhom jingħataw l-istatus tal-ogħla sinifikat nazzjonali possibbli u għandhom jiġu ttrattati kif xieraq fil-proċessi għall-ġħoti ta' permessi — u jekk id-dritt nazzjonali jipprevedi hekk, fl-ippjanar tal-ispazju — inklużi dawk relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali, hekk kif tali trattament ikun previst fid-dritt nazzjonali applikabbli għat-tip korrispondenti ta' infrastruttura tal-enerġija.

Emenda

3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, meta jkun jeżisti tali status fid-dritt nazzjonali, il-proġetti ta' interess komuni għandhom jingħataw l-istatus tal-ogħla sinifikat nazzjonali possibbli u għandhom jiġu ttrattati kif xieraq fil-proċessi għall-ġħoti ta' permessi — u jekk id-dritt nazzjonali jipprevedi hekk, fl-ippjanar tal-ispazju — inklużi dawk relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali, hekk kif tali trattament ikun previst fid-dritt nazzjonali applikabbli għat-tip korrispondenti ta' infrastruttura tal-enerġija ***u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni sħiħa u koerenti tal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni.***

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dment li l-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dawn id-Direttivi jiġu rrispettati, fir-rigward tal-impatti ambjentali indirizzati fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE u fl-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE, il-proġetti ta' interess komuni għandhom jitqiesu bħala ta' interess pubbliku minn perspettiva tal-politika tal-enerġija, u ***jistgħu*** jitqiesu li jkollhom interess pubbliku prevalenti.

Emenda

Dment li l-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dawn id-Direttivi jiġu rrispettati, fir-rigward tal-impatti ambjentali indirizzati fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE u fl-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE, il-proġetti ta' interess komuni għandhom jitqiesu bħala ta' interess pubbliku minn perspettiva tal-politika tal-enerġija, u ***għandhom*** jitqiesu li jkollhom interess pubbliku prevalenti.

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kompetenza tal-awtoritajiet konċernati tista' jew tiġi inkorporata fil-kompetenza tal-awtorità nazzjonali kompetenti maħtura skont l-Artikolu 8(1) jew inkella dawn iżommu, sa ċertu punt, il-kompetenza indipendenti tagħhom f'konformità mal-iskema rispettiva għall-ħruġ ta' permessi magħżula mill-Istat Membru skont dan il-paragrafu sabiex jiffaċilitaw il-ħruġ tad-deċiżjoni komprensiva u jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali kompetenti kif xieraq.

Emenda

imħassar

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Meta proġett ta' interess komuni jkun jeħtieġ li d-deċiżjonijiet jittieħdu f'żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa għal kooperazzjoni u għal koordinazzjoni effiċjenti u effettivi bejniethom, inklużi l-istadji msemmija fl-Artikolu 10(5). L-Istati Membri għandhom ***jagħmlu ħilithom sabiex*** jipprovdu proċeduri konġunti, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali.

Emenda

5. Meta proġett ta' interess komuni jkun jeħtieġ li d-deċiżjonijiet jittieħdu f'żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa għal kooperazzjoni u għal koordinazzjoni effiċjenti u effettivi bejniethom, inklużi l-istadji msemmija fl-Artikolu 10(5). L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali rispettivi tagħhom*** jipprovdu proċeduri konġunti, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, ***u jikkoordinaw l-iskedi ta' żmien tagħhom u jaqblu dwar skeda konġunta fir-rigward tal-proċedura tal-għoti tal-permessi.***

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Għal proġetti transfruntiera ta' interess komuni, tista' tiġi stabbilita awtorità kompetenti konġunta, kif definit fl-Artikolu 2(10)a ġdid.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-promotur ta' proġett għandu, fi ħdan perjodu indikattiv ta' tliet xhur wara l-bidu tal-proċess għall-għoti ta' permess skont l-Artikolu 10(1)(a), ifassal u jippreżenta kunċett għall-parteċipazzjoni pubblika lill-awtorità kompetenti, filwaqt li jsegwi l-proċess deskritt fil-manwal imsemmi fil-paragrafu 1 u skont il-linji gwida stabbiliti fl-Anness VI. L-awtorità kompetenti għandha titlob modifiki jew tapprova l-kunċett għall-parteċipazzjoni pubblika fi żmien tliet xhur **mir-riċevuta**. Meta tagħmel dan, l-awtorità kompetenti għandha tqis kwalunkwe forma ta' parteċipazzjoni u ta' konsultazzjoni pubbliċi li tkun saret qabel il-bidu tal-proċess għall-għoti ta' permessi, sa fejn tali parteċipazzjoni u konsultazzjoni pubbliċi jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.

Il-promotur ta' proġett għandu, fi ħdan perjodu indikattiv ta' tliet xhur wara l-bidu tal-proċess għall-għoti ta' permess skont l-Artikolu 10(1)(a), ifassal u jippreżenta kunċett għall-parteċipazzjoni pubblika lill-awtorità kompetenti, filwaqt li jsegwi l-proċess deskritt fil-manwal imsemmi fil-paragrafu 1 u skont il-linji gwida stabbiliti fl-Anness VI. L-awtorità kompetenti, **jew fejn xieraq, l-awtorità kompetenti konġunta**, għandha titlob modifiki jew tapprova l-kunċett għall-parteċipazzjoni pubblika fi żmien tliet xhur **minn meta tirċevih**. Meta tagħmel dan, l-awtorità kompetenti għandha tqis kwalunkwe forma ta' parteċipazzjoni u ta' konsultazzjoni pubbliċi li tkun saret qabel il-bidu tal-proċess għall-għoti ta' permessi, sa fejn tali parteċipazzjoni u konsultazzjoni pubbliċi jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-promotur ta' proġett ikollu l-intenzjoni li jagħmel **tibdiliet** sinifikanti f'kunċett approvat, **huwa** għandu jinforma lill-awtorità kompetenti **b'dan**. F'dak il-każ, l-awtorità kompetenti tista' titlob modifiki.

Emenda

Meta l-promotur ta' proġett ikollu l-intenzjoni li jagħmel **bidliet** sinifikanti f'kunċett approvat, għandu jinforma lill-awtorità kompetenti, **jew fejn ikun xieraq lill-awtorità kompetenti konġunta, dwar dan**. F'dak il-każ, l-awtorità kompetenti tista' titlob modifiki.

Emenda 62

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-promotur ta' proġett għandu jistabbilixxi u jaġġorna b'mod regolari sit web iddedikat għall-proġett b'informazzjoni rilevanti dwar il-proġett ta' interess komuni, li għandu jkun illinkjat mas-sit web tal-Kummissjoni u mal-pjattaforma ta' trasparenza msemmija fl-Artikolu 23 u li għandu jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fil-punt (6) tal-Anness VI. Informazzjoni kummerċjalment sensitiva għandha tinżamm kunfidenzjali.

Emenda

Il-promotur ta' proġett għandu jistabbilixxi u jaġġorna b'mod regolari sit web iddedikat għall-proġett b'informazzjoni rilevanti dwar il-proġett ta' interess komuni, **inkluż il-pjan ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(1)**, li għandu jkun illinkjat mas-sit web tal-Kummissjoni u mal-pjattaforma ta' trasparenza msemmija fl-Artikolu 23 u li għandu jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fil-punt (6) tal-Anness VI. Informazzjoni kummerċjalment sensitiva għandha tinżamm kunfidenzjali.

Emenda 63

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5 – punt b – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Għal proġetti transfruntiera li jinvolvu żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri **konċernati** għandhom **jikkoordinaw sabiex** iħejju skeda konġunta, li fiha jallinjaw l-iskedi **ta' żmien** tagħhom;

Emenda

Għal proġetti transfruntiera li jinvolvu żewġ Stati Membri jew aktar, **awtorità kompetenti konġunta, kif definita fl-Artikolu 2 paragrafu (10)a ġdid, tista' tiġi stabbilita jew inkella**, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri **kkonċernati** għandhom iħejju skeda konġunta, li fiha jallinjaw l-iskedi tagħhom;

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Qabel ma jissottomettu l-metodoloġiji rispettivi tagħhom, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom iwettqu proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolvi tal-anqas l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet **konċernati** rilevanti kollha, inkluż l-entità tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni fl-Unjoni ("entità tad-DSOs tal-UE") u l-partijiet **konċernati** rilevanti kollha tal-idroġenu u, meta jitqiesu xierqa, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u awtoritajiet nazzjonali oħra.

Emenda

Qabel ma jissottomettu l-metodoloġiji rispettivi tagħhom, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom iwettqu proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolvi tal-anqas l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet **ikkonċernati** rilevanti kollha, inkluż l-entità tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni fl-Unjoni ("entità tad-DSOs tal-UE") u l-partijiet **ikkonċernati** rilevanti kollha tal-idroġenu, **tal-mobbiltà u tar-rispons tad-domanda**, u, meta jitqiesu xierqa, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u awtoritajiet nazzjonali oħra.

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tirċievi l-metodoloġiji flimkien mal-kontribut riċevut fil-proċess ta' konsultazzjoni u ma' rapport dwar kif dan ġie kkunsidrat, l-Aġenzija għandha ttiprovdi opinjoni lill-ENTSO tal-Elettriku, lill-ENTSO tal-Gass, lill-Istati Membri, u lill-Kummissjoni u tippubblikaha fuq is-sit web tal-Aġenzija.

Emenda

2. Fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tirċievi l-metodoloġiji flimkien mal-kontribut riċevut fil-proċess ta' konsultazzjoni u ma' rapport dwar kif dan ġie kkunsidrat, l-Aġenzija għandha ttiprovdi opinjoni, **għall-kunsiderazzjoni xierqa**, lill-ENTSO tal-Elettriku, lill-ENTSO tal-Gass, lill-Istati Membri, u lill-Kummissjoni u tippubblikaha fuq is-sit web tal-Aġenzija.

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. Kull tliet snin, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku sett ta' indikaturi u ta' valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet tal-unità ta' investment għal proġetti komparabbli tal-kategoriji tal-infrastruttura inklużi fil-punti (1) u (3) tal-Anness II. Dawk il-valuri ta' referenza jistgħu jintużaw mill-ENTSO tal-Elettriku u mill-ENTSO tal-Gass għall-analizzijiet kost-benefiċċji mwettqa għal pjanijiet sussegwenti ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopru l-Unjoni kollha. L-ewwel minn fost dawn l-indikaturi għandu jiġi ppubblikat sal-[1 ta' Novembru 2022].

Emenda

10. Kull tliet snin, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku sett ta' indikaturi u ta' valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet tal-unità ta' investment għal proġetti komparabbli tal-kategoriji tal-infrastruttura, ***u meta jkun rilevanti, alternattivi possibbli, bħall-miżuri ta' flessibbiltà jew proġetti ta' akkoppjament tas-setturi***, inklużi fil-punti (1) u (3) tal-Anness II. Dawk il-valuri ta' referenza jistgħu jintużaw mill-ENTSO tal-Elettriku u mill-ENTSO tal-Gass għall-analizzijiet kost-benefiċċji mwettqa għal pjanijiet sussegwenti ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopru l-Unjoni kollha. L-ewwel minn fost dawn l-indikaturi għandu jiġi ppubblikat sal-[1 ta' Novembru 2022].

Emenda 67

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 11**

Test propost mill-Kummissjoni

11. Sal-[31 ta' Diċembru 2023], l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jippreżentaw flimkien lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija mudell konsistenti u interkonness tas-suq tal-enerġija u tan-network li jinkludi l-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku, tal-gass u tal-idroġenu kif ukoll il-ħżin, l-LNG u l-elettrolizzaturi, filwaqt li jkopri l-kurituri u l-oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija u jkun imfassal skont il-prinċipji stabbiliti fl-Anness V.

Emenda

11. Sal-[31 ta' Diċembru 2023], l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jippreżentaw flimkien lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija mudell konsistenti u interkonness tas-suq tal-enerġija u tan-network li jinkludi l-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku, tal-gass u tal-idroġenu kif ukoll il-ħżin, ***is-sħana***, l-LNG u l-elettrolizzaturi, filwaqt li jkopri l-kurituri u l-oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija u jkun imfassal skont il-prinċipji stabbiliti fl-Anness V.

Emenda 68

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Sal-[31 ta' Lulju 2022], l-Aġenzija, wara li tkun wettqet proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolvi lill-Kummissjoni u tal-anqas lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet **konċernati** rilevanti kollha, inkluż l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass, l-entità tad-DOSs tal-Unjoni, u l-partijiet **konċernati** rilevanti tas-settur tal-idroġenu, għandha tippubblika l-linji gwida ta' qafas għax-xenarji konġunti li għandhom jiġu żviluppati mill-ENTSO tal-Elettriku u mill-ENTSO tal-Gass. Dawk il-linji gwida għandhom jiġu aġġornati b'mod regolari kif ikun meħtieġ.

Emenda

Sal-[31 ta' Lulju 2022], l-Aġenzija, wara li tkun wettqet proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolvi lill-Kummissjoni u tal-anqas lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet **ikkonċernati** rilevanti kollha, inkluż l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass, l-entità tad-DOSs tal-Unjoni, u l-partijiet **ikkonċernati** rilevanti tas-settur tal-idroġenu, **il-mobbiltà u r-rispons tad-domanda**, għandha tippubblika l-linji gwida ta' qafas għax-xenarji konġunti li għandhom jiġu żviluppati mill-ENTSO tal-Elettriku u mill-ENTSO tal-Gass. Dawk il-linji gwida għandhom jiġu aġġornati b'mod regolari kif ikun meħtieġ.

Emenda 69

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Meta jivvalutaw **in-nuqqasijiet** fl-infrastruttura, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jimplimentaw il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u jikkunsidraw bi prijorità s-soluzzjonijiet **rilevanti** kollha mhux relatati mal-infrastruttura **sabiex** jindirizzaw **in-nuqqasijiet** identifikati.

Emenda

Meta jivvalutaw **il-lakuni** fl-infrastruttura, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jimplimentaw il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u **b'attenzjoni partikolari għal dawk il-lakuni li jaffettwaw il-kapaċità li jintlaħqu l-miri tad-dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni u** jikkunsidraw bi prijorità s-soluzzjonijiet kollha **rilevanti** mhux relatati mal-infrastruttura **inklużi proġetti ta' akkoppjament tas-settur biex** jindirizzaw **il-lakuni** identifikati.

Emenda 70

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Qabel ma jissottomettu r-rapporti rispettivi tagħhom, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom iwettqu proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-entità tad-DSOs tal-Unjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha tal-idroġenu u r-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha li jkunu parti mill-kurituri prijoritarji ddefiniti fl-Anness I.

Emenda 71

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fi żmien tliet xhur wara li tirċievi r-rapport dwar ***in-nuqqasijiet*** fl-infrastruttura flimkien mal-kontribut riċevut fil-proċess ta' konsultazzjoni u ma' rapport dwar kif dan ġie kkunsidrat, l-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjoni tagħha lill-ENTSO tal-Elettriku jew lill-ENTSO tal-Gass u lill-Kummissjoni.

Emenda 72

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jadattaw ir-rapporti tagħhom dwar ***in-nuqqasijiet*** fl-infrastruttura b'kunsiderazzjoni xierqa tal-opinjoni tal-Aġenzija u f'konformità mal-opinjoni tal-Kummissjoni ***qabel il-pubblikazzjoni tar-rapporti*** finali dwar ***in-***

Emenda

Qabel ma jissottomettu r-rapporti rispettivi tagħhom, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom iwettqu proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-entità tad-DSOs tal-Unjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha tal-idroġenu, ***tal-mobbiltà, tar-rispons għad-domanda u tas-soċjetà ċivili*** u r-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha li jkunu parti mill-kurituri prijoritarji ddefiniti fl-Anness I.

Emenda

3. Fi żmien tliet xhur wara li tirċievi r-rapport dwar ***il-lakuni*** fl-infrastruttura flimkien mal-kontribut riċevut fil-proċess ta' konsultazzjoni u ma' rapport dwar kif dan ġie kkunsidrat, l-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjoni tagħha lill-ENTSO tal-Elettriku jew lill-ENTSO tal-Gass u lill-Kummissjoni ***u tpoġġiha għad-dispożizzjoni tal-pubblika***.

Emenda

5. L-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jadattaw ir-rapporti tagħhom dwar ***il-lakuni*** fl-infrastruttura b'kunsiderazzjoni xierqa tal-opinjoni tal-Aġenzija u f'konformità mal-opinjoni tal-Kummissjoni. ***Għandhom jiġu pprovduti ġustifikazzjonijiet jekk dawn l-opinjonijiet***

nuqqasijiet fl-infrastruttura.

ma jkunux riflessi fir-rapporti finali dwar il-lakuni fl-infrastruttura.

Emenda 73

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sal-[31 ta' Lulju 2022], l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, fi ħdan il-kuritur prijoritarji speċifiċi tagħhom tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar, stipulati fil-punt (2) tal-Anness I, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet u l-iżvilupp f'kull reġjun, għandhom jiddefinixxu u jaqblu b'mod konġunt li jikkooperaw fuq l-ammont ta' ġenerazzjoni rinnovabbli lil hinn mill-kosta li għandha tiġi skjerata f'kull baċir tal-baħar sal-2050, bi stadji intermedji fl-2030 u fl-2040, fid-dawl tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, tal-potenzjal tar-rinnovabbli lil hinn mill-kosta **ta' kull baċir** tal-baħar, tal-ħarsien tal-ambjent, tal-adattament għat-tibdil fil-klima u ta' użi oħra tal-baħar, kif ukoll fid-dawl tal-miri ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni. **Dak il-ftehim għandu jsir** bil-miktub fir-rigward ta' kull baċir tal-baħar marbut mat-territorju tal-Unjoni.

Emenda 74

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Sal-[31 ta' Lulju 2023], l-ENTSO tal-Elettriku, bl-involvement tat-TSOs rilevanti, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni u f'konformità mal-ftehim imsemmi fil-

Emenda

1. Sal-[31 ta' Lulju 2022], l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, fi ħdan il-kuritur prijoritarji speċifiċi tagħhom tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar, stipulati fil-punt (2) tal-Anness I, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet u l-iżvilupp f'kull reġjun, għandhom jiddefinixxu u jaqblu b'mod konġunt li jikkooperaw fuq l-ammont ta' ġenerazzjoni rinnovabbli lil hinn mill-kosta li għandha tiġi skjerata f'kull baċir tal-baħar sal-2050, bi stadji intermedji fl-2030 u fl-2040, fid-dawl tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, tal-potenzjal tar-rinnovabbli lil hinn mill-kosta **tal-baċiri tal-baħar magħżula**, tal-ħarsien tal-ambjent, tal-adattament għat-tibdil fil-klima u ta' użi oħra tal-baħar, kif ukoll fid-dawl tal-miri ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni. **Dik id-dikjarazzjoni ta' intenzjoni għandha ssir** bil-miktub fir-rigward ta' kull baċir tal-baħar marbut mat-territorju tal-Unjoni.

paragrafu 1, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw pjan għall-iżvilupp tan-network integrat lil hinn mill-kosta li jibda mill-oġġettivi tal-2050, bi stadji intermedji għall-2030 u għall-2040 għal kull baċir tal-baħar f'konformità mal-kuritur prijoritarji tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar imsemmija fl-Anness I, b'kont meħud tal-ħarsien ambjentali u ta' użi oħra tal-baħar. Wara, dawk il-pjani għall-iżvilupp tan-network integrat lil hinn mill-kosta għandhom jiġu aġġornati kull tliet snin.

paragrafu 1, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw pjan għall-iżvilupp tan-network integrat lil hinn mill-kosta li jibda mill-oġġettivi tal-2050, bi stadji intermedji għall-2030 u għall-2040 għal kull baċir tal-baħar f'konformità mal-kuritur prijoritarji tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar imsemmija fl-Anness I, b'kont meħud tal-ħarsien ambjentali u ta' użi oħra tal-baħar. ***Il-pjanijiet integrati lil hinn mill-kosta jistgħu jinkludu wkoll infrastruttura tal-idroġenu jekk jitqies rilevanti.*** Wara, dawk il-pjani għall-iżvilupp tan-network integrat lil hinn mill-kosta għandhom jiġu aġġornati kull tliet snin.

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Meta jallokaw il-kostijiet b'mod transfruntier, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, f'konsultazzjoni mat-TSOs ***konċernati***, għandhom ifittxu ftehim reċiproku bbażat fuq l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 3(a) u (b) iżda mhux limitat għaliha. Il-valutazzjoni tagħhom għandha ***tkun ibbażata fuq*** l-istess xenarju użat fil-proċess tal-għażla għall-elaborazzjoni tal-lista tal-Unjoni fejn ikun elenkat il-proġett ta' interessi komuni.

Emenda

Meta jallokaw il-kostijiet b'mod transfruntier, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, f'konsultazzjoni mat-TSOs ***ikkonċernati***, għandhom ifittxu ftehim reċiproku bbażat fuq l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 3(a) u (b) iżda mhux limitat għaliha. Il-valutazzjoni tagħhom għandha ***tgħis*** l-istess xenarju użat fil-proċess tal-għażla għall-elaborazzjoni tal-lista tal-Unjoni fejn ikun elenkat il-proġett ta' interessi komuni.

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji stabbiliti fil-punti (1)(d), (2) u (5) tal-Anness II għandhom ikunu eliġibbli wkoll għal assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma

Emenda

4. Proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji stabbiliti fil-punti (1)(d), (2), **(4)** u (5) tal-Anness II għandhom ikunu eliġibbli wkoll għal assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma

ta' għotjiet għal xogħlijiet, meta l-promoturi tal-proġetti **konċernati** jkunu jistgħu juru b'mod ċar esternalitajiet pożittivi sinifikanti, bħas-sigurtà tal-provvista, il-flessibbiltà tas-sistema, is-solidarjetà jew l-innovazzjoni, iġġenerati mill-proġetti u jipprovdu evidenza ċara tan-nuqqas ta' vijabbiltà kummerċjali tagħhom, f'konformità mal-analiżi kost-benefiċċji, mal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju u mal-valutazzjonijiet imwettqa, b'mod partikolari minn investituri jew minn kredituri potenzjali jew, fejn applikabbli, minn awtorità regolatorja nazzjonali.

ta' għotjiet għal xogħlijiet, meta l-promoturi tal-proġetti **kkonċernati** jkunu jistgħu juru b'mod ċar esternalitajiet pożittivi sinifikanti, bħas-sigurtà tal-provvista, il-flessibbiltà tas-sistema, is-solidarjetà jew l-innovazzjoni, iġġenerati mill-proġetti u jipprovdu evidenza ċara tan-nuqqas ta' vijabbiltà kummerċjali tagħhom, f'konformità mal-analiżi kost-benefiċċji, mal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju u mal-valutazzjonijiet imwettqa, b'mod partikolari minn investituri jew minn kredituri potenzjali jew, fejn applikabbli, minn awtorità regolatorja nazzjonali.

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 3 għal perjodu ta' **seba'** snin mill-[1 ta' Jannar 2022]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' **seba'** snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perjodi b'durata identika, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza ta' kull perjodu.

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu jkun japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE)

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 3 għal perjodu ta' **ħames** snin mill-[1 ta' Jannar 2022]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' **ħames** snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perjodi b'durata identika, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza ta' kull perjodu.

Emenda

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu jkun japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE)

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) għas-setturi tal-elettriku u tal-idroġenu, l-evoluzzjoni tal-livell ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, l-evoluzzjoni korrispondenti tal-prezzijiet tal-enerġija, kif ukoll in-numru ta' avvenimenti ta' nuqqas ta' funzjonament tas-sistemi tan-networks, il-kawżi tagħhom u l-kost ekonomiku relatat;

Emenda

(e) għas-setturi tal-elettriku u tal-idroġenu, l-evoluzzjoni tal-livell ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, l-evoluzzjoni korrispondenti tal-prezzijiet tal-enerġija, kif ukoll in-numru ta' avvenimenti ta' nuqqas ta' funzjonament tas-sistemi tan-networks, il-kawżi tagħhom u l-kost ekonomiku relatat ***u l-kontribut għall-flessibbiltà, l-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u l-akkoppjament tas-setturi***;

Emenda 80

Proposta għal regolament Artikolu 22 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) il-progress miksub fir-rigward tal-impatt pożittiv fuq il-bijodiversità u l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara";

Emenda 81

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) il-benefiċċji ewlenin mistennija u l-kostijiet tal-proġetti ħlief għal kwalunkwe informazzjoni kummerċjalment sensittiva;

(c) il-benefiċċji ewlenin mistennija, ***b'mod partikolari fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra***, u l-kostijiet tal-proġetti ħlief għal kwalunkwe informazzjoni kummerċjalment sensittiva;

Emenda 82

Proposta għal regolament Anness I – Parti 3 – punt 8 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Interkonnessjonijiet tal-idroġenu fil-Punent tal-Ewropa ("HI West"): l-infrastruttura tal-idroġenu li tippermetti l-ħolqien ta' pedament tal-idroġenu integrat li jgħaqqad il-pajjiżi tar-reġjun u jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura tagħhom għall-idroġenu b'appoġġ għall-ħolqien ta' network madwar l-UE kollha għat-trasport tal-idroġenu.

Emenda

(8) Interkonnessjonijiet tal-idroġenu fil-Punent tal-Ewropa ("HI West"): l-infrastruttura tal-idroġenu, ***inkluża l-infrastruttura adattata mill-ġdid***, li tippermetti l-ħolqien ta' pedament tal-idroġenu integrat li jgħaqqad il-pajjiżi tar-reġjun u jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura tagħhom għall-idroġenu b'appoġġ għall-ħolqien ta' network madwar l-UE kollha għat-trasport tal-idroġenu, ***inkluża l-konnessjoni taż-żoni ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli mal-elettrolizzaturi, u sussegwentement, ċentri ta' produzzjoni tal-fjuwils sintetiċi, u li tippermetti l-konsum tal-utenti finali fis-setturi kollha.***

Emenda 83

Proposta għal regolament Anness I – Parti 3 – punt 9 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Interkonnessjonijiet tal-idroġenu fil-Lvant Ċentrali u x-Xlokk tal-Ewropa ("HI East"): l-infrastruttura tal-idroġenu li tippermetti l-ħolqien ta' pedament tal-idroġenu integrat li jgħaqqad il-pajjiżi tar-reġjun u jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura tagħhom għall-idroġenu b'appoġġ għall-ħolqien ta' network madwar l-UE kollha għat-trasport tal-idroġenu.

Emenda

(9) Interkonnessjonijiet tal-idroġenu fil-Lvant Ċentrali u x-Xlokk tal-Ewropa ("HI East"): l-infrastruttura tal-idroġenu, ***inkluża l-infrastruttura adattata mill-ġdid***, li tippermetti l-ħolqien ta' pedament tal-idroġenu integrat li jgħaqqad il-pajjiżi tar-reġjun u jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura tagħhom għall-idroġenu b'appoġġ għall-ħolqien ta' network madwar l-UE kollha għat-trasport tal-idroġenu, ***inkluża l-konnessjoni taż-żoni ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli mal-elettrolizzaturi, u sussegwentement, ċentri ta' produzzjoni tal-fjuwils sintetiċi jew hubs tat-trasport, u li tippermetti l-konsum tal-utenti finali fis-setturi kollha.***

Emenda 84

Proposta għal regolament

Anness I – Parti 3 – punt 10 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq Baltiku tal-Enerġija fl-idroġenu ("BEMIP Hydrogen"): l-infrastruttura tal-idroġenu li tippermetti l-ħolqien ta' pedament tal-idroġenu integrat li jgħaqqad il-pajjiżi tar-reġjun u jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura tagħhom għall-idroġenu b'appoġġ għall-ħolqien ta' network madwar l-UE kollha għat-trasport tal-idroġenu.

Emenda

(10) Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq Baltiku tal-Enerġija fl-idroġenu ("BEMIP Hydrogen"): l-infrastruttura tal-idroġenu, inkluża l-infrastruttura adattata mill-ġdid, li tippermetti l-ħolqien ta' pedament tal-idroġenu integrat li jgħaqqad il-pajjiżi tar-reġjun u jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura tagħhom għall-idroġenu b'appoġġ għall-ħolqien ta' network madwar l-UE kollha għat-trasport tal-idroġenu, inkluża l-konnessjoni taż-żoni ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli mal-elettrolizzaturi, u sussegwentement, ċentri ta' produzzjoni tal-fjuwils sintetiċi, u li tippermetti l-konsum tal-utenti finali fis-setturi kollha.

Emenda 85

Proposta għal regolament

Anness I – Parti 4 – punt 11 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-użu ta' grilji elettriċi intelliġenti: adożzjoni ta' teknoloġiji ta' grilji intelliġenti fl-Unjoni li jintegraw b'mod effiċjenti l-imġiba u l-azzjonijiet tal-utenti kollha għan-network tal-elettriku, b'mod partikolari l-ġenerazzjoni ta' ammonti kbar ta' elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli jew distribwiti u r-rispons għad-domanda mill-konsumaturi.

Emenda

(11) L-użu ta' grilji elettriċi intelliġenti: adożzjoni ta' teknoloġiji ta' grilji intelliġenti fl-Unjoni li jintegraw b'mod effiċjenti l-imġiba u l-azzjonijiet tal-utenti kollha għan-network tal-elettriku, b'mod partikolari l-ġenerazzjoni ta' ammonti kbar ta' elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli jew distribwiti, ***faċilitajiet għall-ħżin u t-trasformazzjoni tal-enerġija*** u r-rispons għad-domanda mill-konsumaturi.

Emenda 86

Proposta għal regolament Anness I – Parti 4 – punt 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) *Teknoloġiji power-to-x: l-appoġġ għall-użu ta' applikazzjonijiet li għandhom l-għan li jippermettu t-tnaqqis tal-gassijiet serra u li jikkontribwixxu għall-operazzjoni sigura, effiċjenti u affidabbli tas-sistema u l-integrazzjoni intelliġenti tas-sistema tal-enerġija.*

L-Istati Membri kkonċernati: L-Istati Membri elenkati fil-parti 3

Emenda 87

Proposta għal regolament Anness I – Parti 4 – punt 12 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) network transfruntier tad-dioossidu tal-karbonju: żvilupp ta' infrastruttura ***għat-trasport*** tad-dioossidu tal-karbonju bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi tal-viċinat biex ikunu jistgħu jsiru l-qbid u l-ħżin tad-dioossidu tal-karbonju.

(12) network transfruntier tad-dioossidu tal-karbonju: żvilupp ta' infrastruttura ***għall-qbid, l-użu, il-ħżin u t-trasport*** tad-dioossidu tal-karbonju bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi tal-viċinat biex ikunu jistgħu jsiru l-qbid u l-ħżin ***jew l-użu*** tad-dioossidu tal-karbonju.

Emenda 88

Proposta għal regolament Anness I – Parti 4 – punt 13 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) Grilji tal-gass intelliġenti: L-adozzjoni ta' teknoloġiji ta' ġilji tal-gass intelliġenti madwar l-Unjoni għall-integrazzjoni b'mod effiċjenti pluralità ta' sorsi ta' gass rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju fin-network tal-gass, l-appoġġ għall-adozzjoni ta' soluzzjonijiet

(13) Grilji tal-gass intelliġenti: L-adozzjoni ta' teknoloġiji ta' ġilji tal-gass intelliġenti madwar l-Unjoni għall-integrazzjoni b'mod effiċjenti ***ta'*** pluralità ta' sorsi ta' gass rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju fin-network tal-gass, l-appoġġ għall-adozzjoni ta' soluzzjonijiet

innovattivi għall-ġestjoni tan-network u l-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni intelliġenti tas-settur tal-enerġija u r-rispons tad-domanda.

innovattivi għall-ġestjoni tan-network u l-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni intelliġenti tas-settur tal-enerġija u r-rispons tad-domanda, **jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi li għalihom għadhom mhumiex disponibbli alternattivi teknoloġiċi vijabbli, joħlqu sinerġiji mat-TEN-T, inkluż billi jqisu d-dimensjoni transfruntiera tat-trasport marittimu u t-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u tal-portijiet.**

Emenda 89

Proposta għal regolament Anness I – Parti 4 – punt 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Networks tal-enerġija u t-trasport integrati u transfruntiera: interkonnessionijiet tal-idroġenu li jinsabu fin-Network Ewropew tat-Trasport eżistenti u li jikkombinaw l-infrastruttura tal-enerġija mal-infrastruttura tat-trasport (bl-użu ta' fjuwils alternattivi) f'dak il-kuritur bl-iskop li jiġu dekarbonizzati l-flussi tat-trasport.

L-Istati Membri kkonċernati: kollha.

Emenda 90

Proposta għal regolament Anness I – Parti 4 – punt 13b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13b) L-integrazzjoni ta' sistemi u gżejjer żgħar konnessi jew iżolati, inklużi reġjuni ultraperiferiċi: L-iżvilupp ta' infrastrutturi tat-trażmissjoni u l-ħżin tal-elettriku (kif imsemmi fil-punt a) tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 4) li jikkontribwixxi għal interkonnessionjoni

aħjar tal-gżejjer u għal integrazzjoni aktar effiċjenti tas-sorsi rinnovabbli u l-integrazzjoni ġenerali tas-sistema tal-enerġija.

L-Istati Membri kkonċernati: kollha.

Emenda 91

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-faċilitajiet għall-ħżin tal-elettriku li jintużaw għall-ħżin tal-elettriku fuq bażi temporanja jew permanenti f'infrastruttura jew siti ġeoloġiċi taħt l-art jew fuq l-art, sakemm dawn ikunu konnessi direttament ma' fili **għat-trasmissjoni** b'vultaġġ għoli ddisinjati għal vultaġġ ta' 110 kV jew iżjed;

Emenda

(b) il-faċilitajiet għall-ħżin tal-elettriku li jintużaw għall-ħżin tal-elettriku fuq bażi temporanja jew permanenti f'infrastruttura jew siti ġeoloġiċi taħt l-art jew fuq l-art, sakemm dawn ikunu konnessi direttament ma' fili **għat-trażmissjoni** b'vultaġġ għoli ddisinjati għal vultaġġ ta' 110 kV jew iżjed **jew ikunu direttament konnessi ma' hubs tat-trasport jew ma' infrastruttura tas-sistema tal-enerġija rilevanti oħra;**

Emenda 92

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ba) infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriki fit-territorju kollu, inkluż f'żoni ta' aċċess diffiċli, bħal gżejjer, reġjuni ultraperiferiċi u żoni mhux popolati.

Emenda 93

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 1 – punt ea (ġdid)

(ea) applikazzjonijiet telematiċi li jimmiraw lejn l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' trasport u mobbiltà mal-grilja tal-elettriku, inkluż fost l-oħrajn l-iċċarġjar tal-vetturi, il-ħżin tal-enerġija u l-ġestjoni tad-domanda;

Emenda 94

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) kwalunkwe mit-tagħmir jew installazzjonijiet li ġejjin li jkollhom l-għan li jippermettu u jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju (**inklużi l-bijometan jew l-idroġenu**) fin-network: is-sistemi diġitali u l-komponenti li jintegraw l-ICT, is-sistemi ta' kontroll u t-teknoloġiji tas-sensuri biex jippermettu **l-monitoraġġ**, il-kejl, il-kontroll tal-kwalità u l-ġestjoni interattivi u intelliġenti tal-produzzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-gass **f'ħdan network** tal-gass. Barra minn hekk, proġetti bħal dawn jistgħu jinkludu wkoll tagħmir li jippermetti l-flussi fid-direzzjoni opposta mil-livell tad-distribuzzjoni għal-livell tat-trażmissjoni u t-tijib neċessarju relatat man-network eżistenti.

(a) kwalunkwe mit-tagħmir jew installazzjonijiet li ġejjin li jkollhom l-għan li jippermettu u jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju (**bħall-bijometan u l-idroġenu**) fin-network: is-sistemi diġitali u l-komponenti li jintegraw l-ICT, is-sistemi ta' kontroll u t-teknoloġiji tas-sensuri biex jippermettu **l-integrazzjoni, il-monitoraġġ**, il-kejl, il-kontroll tal-kwalità u l-ġestjoni interattivi u intelliġenti tal-produzzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, **il-ħżin** u l-konsum tal-gass **f'network** tal-gass. Barra minn hekk, proġetti bħal dawn jistgħu jinkludu wkoll tagħmir li jippermetti l-flussi fid-direzzjoni opposta mil-livell tad-distribuzzjoni għal-livell tat-trażmissjoni u t-tijib neċessarju relatat man-network **eżistenti, inklużi l-modernizzazzjoni u t-titjib għall-infrastruttura tal-gass** eżistenti.

Emenda 95

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) tagħmir jew installazzjoni, li għandhom l-għan li jaċċelleraw id-dekarbonizzazzjoni ta' setturi li għalihom għadhom mhumiex disponibbli alternattivi teknoloġiċi vijabbli, bħal trasport marittimu, avjazzjoni u trasport heavy duty u fit-tul.

Emenda 96

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) dwar l-idroġenu:

(3) dwar l-idroġenu, **inkluż l-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju:**

Emenda 97

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) pipelines tat-trażmissjoni għat-trasport tal-idroġenu, li jagħtu aċċess ***lil utenti multipli*** tan-network fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja, li prinċipalment jikkonsistu f'pipelines tal-idroġenu bi pressa għolja, minbarra pipelines għad-distribuzzjoni lokali tal-idroġenu;

(a) pipelines tat-trażmissjoni ***u d-distribuzzjoni*** għat-trasport tal-idroġenu, ***bl-għan*** li jagħtu aċċess ***lill-utenti kollha*** tan-network fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja, li prinċipalment jikkonsistu f'pipelines tal-idroġenu bi pressa għolja, minbarra pipelines għad-distribuzzjoni lokali tal-idroġenu;

Emenda 98

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) kwalunkwe tagħmir jew

(d) kwalunkwe tagħmir jew

installazzjoni essenzjali biex is-sistema topera b'sikurezza, **b'sigurtà** u **b'effiċjenza** jew biex tippermetti kapaċità bidirezzjonali, inklużi l-istazzjonijiet ta' **kompessuri**;

installazzjoni essenzjali biex is-sistema **tal-idroġenu, inkluża l-infrastruttura ġdida jew adattata mill-ġdid**, topera b'sikurezza, **sigurtà** u **effiċjenza** jew biex tippermetti kapaċità bidirezzjonali, inklużi l-istazzjonijiet ta' **kompessjoni**.

Emenda 99

Proposta għal regolament

Anness II – paragrafu 1 – punt 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) infrastruttura tal-idroġenu f'hubs tat-trasport multimodali jew il-konnessjoni tas-siti tal-elettrolizzaturi mas-siti tal-produzzjoni tal-fjuwil sintetiku;

Emenda 100

Proposta għal regolament

Anness II – paragrafu 1 – punt 3 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) tagħmir jew installazzjoni li għandhom l-għan li jipprovdu l-idroġenu għal soluzzjonijiet ta' mobbiltà li jaħdmu bl-idroġenu, b'mod partikolari fin-network ewlieni TEN-T u b'kont meħud ta' applikazzjonijiet telematiċi għall-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' trasport u mobbiltà mal-grilja tal-idroġenu.

Emenda 101

Proposta għal regolament

Anness II – paragrafu 1 – punt 3 – punt d – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kwalunkwe mill-assi elenkati fil-punti (a), (b), (c), u **(d)** jistgħu jkunu assi mibnija

Kwalunkwe mill-assi elenkati fil-punti (a), (b), (c), **(d), (da)** u **(db)** jistgħu jkunu assi

għodda jew assi konvertiti **minn iddedikati għal** gass naturali għall-idroġenu, jew kombinazzjoni tat-tnejn.

mibnija għodda jew assi konvertiti **jew adattati mill-ġdid minn** gass naturali **lesti** għall-idroġenu, jew kombinazzjoni tat-tnejn.

Emenda 102

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(4) fir-rigward tal-faċilitajiet tal-elettrolizzaturi:

Emenda

(4) fir-rigward tal-faċilitajiet tal-elettrolizzaturi **u tal-power-to-ex:**

Emenda 103

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) elettrolizzaturi li: (i) għandhom kapaċità ta' mill-inqas **100** MW, (ii) il-produzzjoni tikkonforma mar-rekwiżit ta' ffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet **b'effett ta'** serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' 70 % fir-rigward ta' komparatur ta' fjuwils fossili ta' 94g CO₂e/MJ kif stipulat fl-Artikolu 25(2) u l-Anness V tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.60 L-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet **b'effett ta'** serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġi kkalkulat bl-użu tal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 28(5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jew, inkella, bl-użu tal-ISO 14067 jew l-ISO 14064-1. L-iffrankar kwantifikat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġi vverifikat skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 fejn applikabbli, jew minn parti terza indipendenti, u (iii) ikollhom ukoll funzjoni relatata man-network;

Emenda

(a) elettrolizzaturi li: (i) għandhom kapaċità ta' mill-inqas **60** MW; **(iigħandhom mill-inqas 30 MW f'każ ta' ktajjen tal-valur midstream innovattivi (eż. rotot marittimi permezz ta' trasportaturi tal-idroġenu organiku likwidu, l-idroġenu likwidu jew l-ammonijaka)**, (ii) il-produzzjoni tikkonforma mar-rekwiżit ta' ffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' 70 % fir-rigward ta' komparatur ta' fjuwils fossili ta' 94g CO₂e/MJ kif stipulat fl-Artikolu 25(2) u l-Anness V tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.¹ L-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġi kkalkulat bl-użu tal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 28(5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jew, inkella, bl-użu tal-ISO 14067 jew l-ISO 14064-1. L-iffrankar kwantifikat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġi vverifikat skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 fejn applikabbli, jew minn

parti terza indipendenti, u (iii) ikollhom ukoll funzjoni relatata man-network;

⁶⁰ ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.

⁶⁰ ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.

Emenda 104

Proposta għal regolament

Anness II – paragrafu 1 – punt 4 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) faċilitajiet power-to-x għajr l-idroġenu li: li: (i(i) għandhom kapacià ta' mill-inqas 100 MW, (ii) il-produzzjoni tikkonforma mar-rekwiżit ta' ffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' 70 % fir-rigward ta' komparatur ta' fjuwils fossili ta' 94g CO₂/MJ kif stipulat fl-Artikolu 25(2) u l-Anness V tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. L-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġi kkalkulat bl-użu tal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 28(5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jew, inkella, bl-użu tal-ISO 14067 jew l-ISO 14064-1. L-iffrankar kwantifikat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġi vverifikat skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 fejn applikabbli, jew minn parti terza indipendenti, u (iii) ikollhom ukoll funzjoni relatata man-network;

Emenda 105

Proposta għal regolament

Anness II – paragrafu 1 – punt 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) tagħmir relatat.

(b) tagħmir relatat, *inklużi, fost l-oħrajn, konnessjonijiet ma' networks ta'*

Emenda 106

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *il-pipelines dedikati, minbarra networks ta' pipelines upstream*, użati għat-trasport ta' diossidu *tal-karbonju minn iżjed minn sors wieħed, jiġifieri installazzjonijiet industrijali (inklużi impjanti tal-enerġija)* li jipproduċu gass tad-diossidu tal-karbonju mill-kombustjoni jew reazzjonijiet kimiċi oħra li jinvolvu komposti fossili jew mhux fossili li fihom il-karbonju, *għall-finijiet* tal-ħżin ġeoloġiku permanenti tad-diossidu tal-karbonju skont id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶¹ ;

⁶¹ ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114.

Emenda

(a) *L-infrastruttura u t-tagħmir iddedikati (inklużi l-vapuri u t-trakkijiet)* użati *għall-qbid u* għat-trasport ta' diossidu *tal-karbonju* minn *sorsi* li jipproduċu gass tad-diossidu tal-karbonju mill-kombustjoni jew reazzjonijiet kimiċi oħra li jinvolvu komposti fossili jew mhux fossili li fihom il-karbonju, *għall-iskop* tal-ħżin ġeoloġiku permanenti tad-diossidu tal-karbonju skont id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶¹ *jew għall-iskop tal-qbid u l-użu tad-diossidu tal-karbonju;*

⁶¹ ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114.

Emenda 107

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) faċilitajiet għal-likwifikazzjoni u l-ħżin *bafer* tad-diossidu tal-karbonju *fil-prospettiva tat-trasport ulterjuri tiegħu. Dan ma jinkludix l-infrastruttura ġo formazzjoni ġeoloġika li tintuża għal* ħżin ġeoloġiku permanenti tad-diossidu tal-karbonju skont id-Direttiva 2009/31/KE *u l-faċilitajiet tal-wieċ u ta' injezzjoni assoċjati.*

Emenda

(b) faċilitajiet għal-likwifikazzjoni u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju *għall-iskop ta'* ħżin ġeoloġiku permanenti tad-diossidu tal-karbonju skont id-Direttiva 2009/31/KE *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;*

Emenda 108

**Proposta għal regolament
Anness III – Parti 2 – punt 6**

Test propost mill-Kummissjoni

(6) il-proġetti proposti **għat-trasport** tad-diossidu tal-karbonju li jaqgħu fil-kategorija stabbilita fil-punt (5) tal-Anness II għandhom jiġu ppreżentati bħala parti minn pjan, żviluppat minn tal-anqas żewġ Stati Membri, għall-iżvilupp ta' infrastruttura għat-trasport u l-ħżin transfruntiera tad-diossidu tal-karbonju, li għandu jiġi ppreżentat mill-Istati Membri kkonċernati jew mill-entitajiet maħtura minn dawk l-Istati Membri lill-Kummissjoni.

Emenda 109

**Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) fir-rigward tat-trażmissjoni tal-elettriku, il-proġett iżid il-kapaċità ta' trasferiment **tal-ilja, jew** il-kapaċità disponibbli għall-flussi kummerċjali, fil-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma' Stat Membru jew diversi Stati Membri oħra, bl-effett li tiżdied il-kapaċità ta' trasferiment tal-grilja transfruntiera fil-fruntiera ta' dak l-Istat **Memberu** ma' Stat Membru jew diversi Stati Membri oħra, b'mill-inqas 500 Megawatt meta mqabbla mas-sitwazzjoni jekk ma jiġix ikkummissjonat il-proġett;

Emenda 110

**Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt b**

Emenda

(6) il-proġetti proposti **għall-qbid, l-użu, il-ħżin u t-trasport** tad-diossidu tal-karbonju li jaqgħu fil-kategorija stabbilita fil-punt (5) tal-Anness II għandhom jiġu ppreżentati bħala parti minn pjan, żviluppat minn tal-anqas żewġ Stati Membri, għall-iżvilupp ta' infrastruttura għat-trasport u l-ħżin transfruntiera tad-diossidu tal-karbonju, li għandu jiġi ppreżentat mill-Istati Membri kkonċernati jew mill-entitajiet maħtura minn dawk l-Istati Membri lill-Kummissjoni.

Emenda

(a) fir-rigward tat-trażmissjoni tal-elettriku, il-proġett iżid il-kapaċità ta' trasferiment **tal-grilja**, il-kapaċità disponibbli għall-flussi kummerċjali, **jew iżid l-istabbiltà tal-grilja**, fil-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma' Stat Membru jew diversi Stati Membri oħra, bl-effett li tiżdied il-kapaċità ta' trasferiment tal-grilja transfruntiera fil-fruntiera ta' dak l-Istat **Memberu** ma' Stat Membru jew diversi Stati Membri oħra, b'mill-inqas 500 Megawatt meta mqabbla mas-sitwazzjoni jekk ma jiġix ikkummissjonat il-proġett;

Test propost mill-Kummissjoni

(b) fir-rigward tal-ħżin tal-elettriku, il-proġett jipprovdi kapaċità installata ta' mill-inqas 225 MW u jkollu kapaċità ta' ħżin li **tippermetti** ġenerazzjoni annwali netta tal-elettriku ta' mill-inqas 250 GW-h fis-sena;

Emenda

(b) fir-rigward tal-ħżin tal-elettriku, il-proġett jipprovdi kapaċità installata ta' mill-inqas 225 MW u jkollu kapaċità ta' ħżin **u veloċità ta' tagħbija** li **jippermettu** ġenerazzjoni annwali netta tal-elettriku ta' mill-inqas 250 GW-h fis-sena;

Emenda 111

**Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

(d) għat-trażmissjoni tal-idroġenu, il-proġett jippermetti t-trażmissjoni tal-idroġenu bejn il-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati, jew iżid il-kapaċità transfruntiera eżistenti għat-trasport tal-idroġenu fi fruntiera bejn żewġ Stati Membri b'mill-inqas 10 % meta mqabbel mas-sitwazzjoni qabel l-ikkummissjonar tal-proġett, u l-proġett juri b'mod suffiċjenti li huwa parti essenzjali **ta'** network tal-idroġenu transfruntier ippjanat u jipprovdi biżżejjed provi tal-pjanijiet eżistenti u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien u mal-operaturi tan-network;

Emenda

(d) għat-trażmissjoni tal-idroġenu, il-proġett jippermetti t-trażmissjoni tal-idroġenu bejn il-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati, jew iżid il-kapaċità transfruntiera eżistenti għat-trasport tal-idroġenu fi fruntiera bejn żewġ Stati Membri b'mill-inqas 10 % meta mqabbel mas-sitwazzjoni qabel l-ikkummissjonar tal-proġett, u l-proġett juri b'mod suffiċjenti li huwa parti essenzjali **minn li jaqdi raggruppamenti industrijali, hubs tat-trasport multimodali jew faċilitajiet tal-ħżin** u jipprovdi biżżejjed provi tal-pjanijiet eżistenti u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien u mal-operaturi tan-network;

Emenda 112

**Proposta għal regolament
Anness IV – parti 1 – punt e**

Test propost mill-Kummissjoni

(e) għall-ħżin tal-idroġenu jew għall-faċilitajiet ta' riċeviment tal-idroġenu msemmija fil-punt (3) tal-Anness II, il-proġett ikollu l-għan li jforni direttament jew indirettament mill-inqas żewġ Stati

Emenda

(e) għall-ħżin tal-idroġenu jew għall-faċilitajiet ta' riċeviment tal-idroġenu msemmija fil-punt (3) tal-Anness II, il-proġett ikollu l-għan li jforni direttament jew indirettament, **billi jipprovdi benefiċċji**

Membri;

għas-sigurtà tal-provvista, mill-inqas żewġ Stati Membri;

Emenda 113

Proposta għal regolament Anness IV – punt 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) għall-elettrolizzaturi, il-proġett jipprovdi kapaċità installata ta' **mill-inqas 100 MW** u jgħib benefiċċji direttament jew indirettament lil mill-inqas żewġ Stati Membri;

Emenda

(f) għall-elettrolizzaturi, il-proġett jipprovdi kapaċità installata ta' **60 MW** u jgħib benefiċċji direttament jew indirettament lil mill-inqas żewġ Stati Membri; **għall-ktajjen tal-valur midstream innovattivi, il-proġett jipprovdi kapaċità installata ta' mill-inqas 30 MW u jgħib benefiċċji direttament jew indirettament lil mill-inqas żewġ Stati Membri. Il-proġett jista' jilħaq dawn il-kapaċitajiet f'diversi fażijiet u/jew permezz ta' diversi proġetti.**

Emenda 114

Proposta għal regolament Anness IV – punt 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) għal teknoloġiji power-to-x, il-proġett jipprovdi kapaċità installata ta' mill-inqas 100 MW u jgħib benefiċċji direttament jew indirettament lil mill-inqas żewġ Stati Membri;

Emenda 115

Proposta għal regolament Anness II – punt 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) għal proġetti ta' interess reċiproku fil-kategorija stabbilita fil-punt (1)(a) u (e)

(h) għal proġetti ta' interess reċiproku fil-kategorija stabbilita fil-punt (1)(a) u (e)

tal-Anness II, il-proġett iżid il-kapaċità tat-trasferiment tal-grilja, **jew** il-kapaċità disponibbli għall-flussi kummerċjali, fil-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma' pajjiż terz wieħed jew aktar u jgħib benefiċċji sinifikanti, skont il-kriterji speċifiċi elenkati fl-Artikolu 4(3), għal mill-inqas żewġ Stati Membri. Il-kalkolu tal-benefiċċji għall-Istati Membri għandu jitwettaq u jiġi ppubblikat mill-ENTSO tal-Elettriku fil-qafas tal-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha;

tal-Anness II, il-proġett iżid il-kapaċità tat-trasferiment tal-grilja, il-kapaċità disponibbli għall-flussi kummerċjali **jew iżid l-istabbiltà tal-grilja**, fil-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma' pajjiż terz wieħed jew aktar u jgħib benefiċċji sinifikanti, skont il-kriterji speċifiċi elenkati fl-Artikolu 4(3), għal mill-inqas żewġ Stati Membri. Il-kalkolu tal-benefiċċji għall-Istati Membri għandu jitwettaq u jiġi ppubblikat mill-ENTSO tal-Elettriku fil-qafas tal-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha;

Emenda 116

Proposta għal regolament Anness IV – punt 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) għal proġetti ta' interess reċiproku fil-kategorija stabbilita fil-punt (5) tal-Anness II, il-proġett jista' jintuża **għat-trasport** tad-diossidu tal-karbonju antropoġeniku minn tal-anqas żewġ Stati Membri u pajjiż terz.

Emenda

(i) għal proġetti ta' interess reċiproku fil-kategorija stabbilita fil-punt (5) tal-Anness II, il-proġett jista' jintuża **għall-qbida, l-użu, il-ħżin u t-trasport** tad-diossidu tal-karbonju antropoġeniku minn tal-anqas żewġ Stati Membri u pajjiż terz.

Emenda 117

Proposta għal regolament Anness IV – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) is-sigurtà tal-provvista, l-interoperabbiltà u l-operazzjoni tas-sistemi b'sigurtà mkejla f'konformità mal-analiżi li tkun saret fl-aħħar pjan deċennali disponibbli għall-iżvilupp tan-network tal-elettriku għall-Unjoni kollha, speċjalment billi jiġi vvalutat l-impatt tal-proġett fuq it-telf tal-aspettativa **tat-agħbija** għaż-żona ta' analiżi kif definita fl-Anness V f'termini ta' adegwatezza tal-ġenerazzjoni u t-trażmissjoni għal sett ta' perjodi ta' tagħbija

Emenda

(c) is-sigurtà tal-provvista, l-interoperabbiltà u l-operazzjoni tas-sistemi b'sigurtà mkejla f'konformità mal-analiżi li tkun saret fl-aħħar pjan deċennali disponibbli għall-iżvilupp tan-network tal-elettriku għall-Unjoni kollha, speċjalment billi jiġi vvalutat l-impatt tal-proġett fuq it-telf tal-aspettativa **tat-tagħbija** għaż-żona ta' analiżi kif definita fl-Anness V f'termini ta' adegwatezza tal-ġenerazzjoni u t-trażmissjoni għal sett ta' perjodi ta' tagħbija

tipika, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-bidliet mistennija fl-avvenimenti estremi tat-temp relatati mal-klima u l-impatt tagħhom fuq ir-reżiljenza tal-infrastruttura. Fejn ikun applikabbli, għandu jitkejjel l-impatt tal-proġett fuq il-kontroll indipendenti u affidabbli tal-operazzjoni u s-servizzi tas-sistemi.

tipika, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-bidliet mistennija fl-avvenimenti estremi tat-temp relatati mal-klima u l-impatt tagħhom fuq ir-reżiljenza tal-infrastruttura **u ż-żieda mistennija fid-domanda għall-enerġija mis-settur tat-trasport, b'mod partikolari għall-vetturi elettriċi tul l-awtostradi u fiż-żoni urbani**. Fejn ikun applikabbli, għandu jitkejjel l-impatt tal-proġett fuq il-kontroll indipendenti u affidabbli tal-operazzjoni u s-servizzi tas-sistemi.

Emenda 118

Proposta għal regolament Anness IV – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Is-sostenibbiltà mkejla bħala l-kontribuzzjoni ta' proġett għal: **it-tnaqqis** tal-emissjonijiet tal-gassijiet **b'effett ta'** serra f'applikazzjonijiet differenti **tal-użu** aħħari, bħall-industrija jew it-trasport; il-flessibbiltà u l-għażliet ta' ħżin staġjonali għall-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli; jew l-integrazzjoni tal-idroġenu rinnovabbli.

Emenda

(a) Is-sostenibbiltà mkejla bħala l-kontribuzzjoni ta' proġett għal: **kontribuzzjoni għat-tnaqqis dirett jew indirett** tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'applikazzjonijiet differenti **ta' użu** aħħari **ta' setturi diffiċli biex jitrażżnu**, bħall-industrija jew it-trasport **heavy duty u fit-tul**; il-flessibbiltà u l-għażliet ta' ħżin staġjonali **u fuq żmien qasir** għall-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli; jew l-integrazzjoni tal-idroġenu rinnovabbli.

Emenda 119

Proposta għal regolament Anness IV – punt 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) is-sigurtà tal-provvista u l-flessibbiltà mkejla billi jiġi kkalkulat il-valur addizzjonali tal-proġett għar-reżiljenza, id-diversità u l-flessibbiltà tal-provvista tal-idroġenu **ekoloġiku**.

Emenda

(c) is-sigurtà tal-provvista u l-flessibbiltà mkejla billi jiġi kkalkulat il-valur addizzjonali tal-proġett għar-reżiljenza, id-diversità u l-flessibbiltà tal-provvista tal-idroġenu **inkluż l-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju** .

Emenda 120

Proposta għal regolament Anness IV – punt 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-kwalità u s-sigurtà tal-provvista mkejla billi jiġi vvalutat il-proporzjon tal-provvista tal-gass disponibbli b'mod affidabbli mad-domanda massima, is-sehem tal-importazzjonijiet sostitwiti b'gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju, l-istabbiltà tal-operazzjoni tas-sistema tal-elettriku, it-tul ta' żmien u l-frekwenza tal-interuzzjonijiet għal kull konsumatur.

Emenda

(b) il-kwalità u s-sigurtà tal-provvista mkejla billi jiġi vvalutat il-proporzjon tal-provvista tal-gass disponibbli b'mod affidabbli mad-domanda massima **fis-sistema kollha**, is-sehem tal-importazzjonijiet sostitwiti b'gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju, l-istabbiltà tal-operazzjoni tas-sistema tal-elettriku, it-tul ta' żmien u l-frekwenza tal-interuzzjonijiet għal kull konsumatur.

Emenda 121

Proposta għal regolament Anness IV – punt 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(7) fir-rigward tal-proġetti tal-elettrolizzaturi li jaqgħu fil-kategorija stabbilita fil-punt (4) tal-Anness II, il-kriterji elenkati fl-Artikolu 4 għandhom jiġu evalwati kif ġej:

Emenda

(7) fir-rigward tal-proġetti tal-elettrolizzaturi **u tal-power-to-x** li jaqgħu fil-kategorija stabbilita fil-punt (4) tal-Anness II, il-kriterji elenkati fl-Artikolu 4 għandhom jiġu evalwati kif ġej:

Emenda 122

Proposta għal regolament Anness IV – punt 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) is-sostenibbiltà mkejla billi jiġi vvalutat is-sehem tal-idroġenu rinnovabbli jew tal-idroġenu li jissodisfa l-kriterji definiti fil-punt (4)(a)(ii) tal-Anness II integrat fin-network, u l-iffrankar relatat tal-emissjonijiet tal-gassijiet **b'effett ta'** serra;

Emenda

(a) is-sostenibbiltà mkejla billi jiġi vvalutat is-sehem tal-idroġenu rinnovabbli jew tal-idroġenu li jissodisfa l-kriterji definiti fil-punt (4)(a)(ii) tal-Anness II **jew metan sintetiku** integrat fin-network, u l-iffrankar relatat tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra;

Emenda 123

Proposta għal regolament Anness IV – punt 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni intelliġenti tas-settur tal-enerġija mkejla billi ***jiġi vvalutat*** l-iffrankar ***tal-kostijiet*** li ***jista' jsir*** fis-setturi u s-sistemi tal-enerġija konnessi, bħan-networks tal-gass, tal-idroġenu, tal-enerġija u tas-sħana, is-setturi tat-trasport u tal-industrija, u l-volum tar-rispons għad-domanda permess.

Emenda

(c) il-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni intelliġenti tas-settur tal-enerġija mkejla billi ***jiġu vvalutati l-kost***, l-iffrankar ***tal-gassijiet serra u l-użu effiċjenti tal-enerġija*** li ***jistgħu jsiru*** fis-setturi u s-sistemi tal-enerġija konnessi, bħan-networks tal-gass, tal-idroġenu, tal-enerġija u tas-sħana, is-setturi tat-trasport u tal-industrija, u l-volum tar-rispons għad-domanda permess.

Emenda 124

Proposta għal regolament Anness V – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) għandha tagħti gwida għall-iżvilupp u l-użu tal-immudellar tan-network u tas-suq meħtieġ għall-analiżi tal-benefiċċji mqabbla mal-kostijiet. L-immudellar għandu jippermetti valutazzjoni sħiħa tal-impatti ekonomiċi, inkluża l-integrazzjoni tas-suq, is-sigurtà tal-provvista u l-kompetizzjoni, l-impatti soċjali, ambjentali u klimatiċi, inklużi l-impatti transsettorjali. Il-metodoloġija għandha tinkludi dettalji dwar għaliex, xiex u kif jiġu kkalkulati kull wieħed u waħda mill-benefiċċji u l-kostijiet.

Emenda

(4) għandha tagħti gwida għall-iżvilupp u l-użu tal-immudellar tan-network u tas-suq meħtieġ għall-analiżi tal-benefiċċji mqabbla mal-kostijiet. L-immudellar għandu jippermetti valutazzjoni sħiħa tal-impatti ekonomiċi, inkluża l-integrazzjoni tas-suq, is-sigurtà tal-provvista, ***it-titjib tal-kapaċità li tiġi integrata l-produzzjoni rinnovabbli, l-ottimizzazzjoni tal-investment transsettorjali*** u l-kompetizzjoni, l-impatti soċjali, ambjentali u klimatiċi, inklużi l-impatti transsettorjali ***tal-effiċjenza u s-sostenibbiltà***. Il-metodoloġija għandha tinkludi dettalji dwar għaliex, xiex u kif jiġu kkalkulati kull wieħed u waħda mill-benefiċċji u l-kostijiet.

Emenda 125

Proposta għal regolament Anness VI – punt 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) kemm jista' jkun, it-traduzzjonijiet tal-kontenut tiegħu fil-lingwi kollha ***tal-Istati Membri*** ġirien għandhom ***jitwettqu f'koordinazzjoni*** mal-Istati Membri ġirien rispettivi;

Emenda

(h) kemm jista' jkun, it-traduzzjonijiet tal-kontenut tiegħu fil-lingwi ***uffiċjali*** kollha ***tal-UE li jgawdu mill-istatus ta' lingwa prinċipali fl-Istati Membri*** ġirien għandhom ***isiru f'koordinazzjoni*** mal-Istati Membri ġirien rispettivi;

Emenda 126

**Proposta għal regolament
Anness VI – punt 6 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-traduzzjonijiet tal-kontenut tiegħu fil-lingwi kollha ***tal-Istati Membri li jikkonċerna l-proġett*** jew li fuqhom il-proġett għandu impatt transfruntier sinifikanti ***f'konformità*** mal-punt (1) tal-Anness IV;

Emenda

(b) it-traduzzjonijiet tal-kontenut tiegħu fil-lingwi ***uffiċjali*** kollha ***tal-UE li jgawdu mill-istatus ta' lingwa prinċipali fl-Istati Membri kkonċernati mill-proġett*** jew li fuqhom il-proġett għandu impatt transfruntier sinifikanti ***f'konformità*** mal-punt (1) tal-Anness IV;

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u tħassir tar-Regolament (UE) Nru 347/2013
Referenzi	COM(2020)0824 – C9-0417/2020 – 2020/0360(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 18.1.2021
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 18.1.2021
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Paolo Borchia 25.1.2021
Data tal-adozzjoni	28.6.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 41 –: 6 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Andris Ameriks, José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Ciarán Cuffe, Johan Danielsson, Karima Delli, Gheorghe Falcă, Giuseppe Ferrandino, Mario Furore, Søren Gade, Isabel García Muñoz, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Kateřina Konečná, Elena Kountoura, Julie Lechanteux, Benoît Lutgen, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Philippe Olivier, Rovana Plumb, Tomasz Piotr Poręba, Dominique Riquet, Dorien Rookmaker, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Henna Virkkunen, Petar Vitanov, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Roberts Zīle, Kosma Złotowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Angel Dzhambazki, Maria Grapini, Roman Haider, Jutta Paulus, Kathleen Van Brempt, Marianne Vind

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

41	+
ECR	Angel Dzhambazki, Tomasz Piotr Poręba, Roberts Zīle, Kosma Złotowski
ID	Paolo Borchia, Marco Campomenosi, Roman Haider, Julie Lechanteux, Philippe Olivier
NI	Mario Furore, Dorien Rookmaker
PPE	Magdalena Adamowicz, Pablo Arias Echeverría, Gheorghe Falcă, Jens Gieseke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Cláudia Monteiro de Aguiar, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Barbara Thaler, Henna Virkkunen, Elissavet Vozemberg-Vrionidi
Renew	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Søren Gade, Elsi Katainen, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Dominique Riquet
S&D	Andris Ameriks, Johan Danielsson, Giuseppe Ferrandino, Isabel García Muñoz, Maria Grapini, Rovana Plumb, István Ujhelyi, Kathleen Van Brempt, Marianne Vind, Petar Vitanov

6	-
The Left	Kateřina Konečná, Elena Kountoura
Verts/ALE	Ciarán Cuffe, Karima Delli, Tilly Metz, Jutta Paulus

	0

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni